

Brussell, 29 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5721/25

COMPET 46
MI 52
IND 25

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Jannar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 26 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 26 final.

Mehmuż: COM(2025) 26 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.1.2025
COM(2025) 26 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2025

{SWD(2025) 11 final} - {SWD(2025) 12 final}

Introduzzjoni

Il-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tikkompeti u tistagħna fl-ekonomija globali qalb l-isfidi ġeopolitiċi kurrenti hija essenzjali għall-prosperità tal-Ewropa. Tiddependi fuq identifikazzjoni ċara tal-punti b'saħħithom u dgħajfin tagħha biex tinfed strateġija li tħares 'il quddiem li tindirizza n-nuqqasijiet tagħha, issaħħaħ il-punti b'saħħithom tagħha u tiftaħ opportunitajiet ġodda.

Fil-qalba tal-kompetittività fit-tul tal-UE nsibu s-Suq Uniku, li fih jgħixu kważi 450 miljun persuna, bi 23 miljun kumpanija u PDG ta' EUR 17-il triljun. Dan jagħmel lill-UE waħda mill-akbar tliet ekonomiji fid-dinja u jirrappreżenta madwar parti waħda minn sitta tal-ekonomija globali. Madankollu, l-ostakli persistenti fis-Suq Uniku u l-piż amministrattiv iżommuh lura milli jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. Il-progress fl-integrazzjoni tas-Suq Uniku naqas, filwaqt li l-ostakli għadhom hemm, b'mod partikolari għas-servizzi. Il-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, jatkellmu dwar id-diffikultajiet tagħhom biex jiffaċċjaw il-piż amministrattiv u jikkonformaw mar-regolamentazzjoni tal-gvern. Dan jagħmilha aktar diffiċli biex isir in-negozju u jnaqqas l-opportunitajiet għan-negozji biex jespandu.

Il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE qed tiffaċċja pressjoni dejjem akbar minn diversi angoli. Qiegħda ssofri minha bba prezzijiet tal-enerġija u tal-elettriku strutturalment għoljin. Dawn tal-aħħar bħalissa huma 2-3 darbiet ogħla milli fl-Istati Uniti¹. Il-kumpaniji Ewropej qed jiffaċċjaw sfidi fil-perkorsi tal-investment tagħhom b'diffikultajiet fil-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka tagħhom, imxekkla minn investimenti pubbliċi u privati insuffiċjenti fl-aktar teknoloġiji u setturi promettenti. B'riżultat ta' dan, l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji diġitali u ta' teknoloġiji avvanzati oħra qegħdin wara dawk tal-ekonomiji kompetituri. Hemm skarsezza wkoll tal-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Is-sitwazzjoni ġeopolitika dejjem aktar instabbli titlob attenzjoni mill-qrib għad-dipendenzi strateġiċi.

In-nuqqas ta' produttività fl-Ewropa qed tippersisti meta mqabbla ma' dik tal-Istati Uniti, iżda hemm potenzjal kbir li tilħaqha. Il-produttività tax-xogħol tal-UE, imkejla bil-PDG aġġustat skont il-kapaċità tal-akkwist għal kull siegħa maħduma, hija ta' 77,8 % tal-livelli tal-Istati Uniti fl-2023 (ara l-Illustrazzjoni 1). Mil-lat pożittiv, din tinsab aktar 'il quddiem mir-Renju Unit u mill-Ġappun, kemm fil-livelli kif ukoll fid-dinamika matul dawn l-aħħar snin. Fl-UE, din il-medja taħbi xi differenzi, fejn l-Istati Membri li ssieħbu aktar reċentement ilaħħqu mal-livelli tal-Istati Uniti.

L-attrazzjoni tal-Ewropa bħala destinazzjoni kummerċjali qed tonqos. Mill-2008, terz tal-hekk imsejja "kumpaniji unicorn" iddeċidew li jirrilokaw barra mill-pajjiż². Mill-akbar 50 kumpanija tat-teknoloġija, 4 biss huma bbażati fl-UE u l-ebda waħda mill-kumpaniji tal-UE bl-ogħla valur ma nħolqot mill-bidu nett³ f'dawn l-aħħar 50 sena⁴, u dan juri nuqqas ta' dinamiżmu fis-suq, klima ta' innovazzjoni insuffiċjenti u ostakli kbar għad-dħul fis-suq u għall-espansjoni. B'riżultat ta' dan, il-fiduċja fl-UE bħala post tan-negozju naqset ftit ftit, bi tnaqqis fl-investment dirett barrani u ammonti sinifikanti ta' tfaddil tal-unitajiet domestiċi li qed jiġu investiti xi mkien ieħor. Fl-istess ħin, hemm potenzjal kbir li jżied l-investment fis-setturi u

¹ Il-Eurostat; l-Amministrazzjoni tal-Infommazzjoni dwar l-Enerġija (EIA, Energy Information Administration) tal-Istati Uniti. Ara t-Taqsima 3.3.

² L-eks Prim Ministru Draghi, "[The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe](#)". il-Parti A, p. 2.


³ Minflok permezz ta' fużjonijiet, akkwiżizzjonijiet jew spin-offs minn ditti stabbiliti.

⁴ L-eks Prim Ministru Draghi, "[The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe](#)". il-Parti A, p. 10.

t-teknoloġġi ewlenin għall-kompetittività tal-UE, abbażi tal-punti b'saħħithom tal-UE, jekk jinħolqu l-kundizzjonijiet qafas it-tajba.

Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività jipprovdi l-kuntest analitiku għall-Boxxla għall-Kompetittività, ippreżentata fl-istess ħin bħala l-ewwel inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni l-għdida. Ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi dijanjostika biex jirfed il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Istrateġija għas-Suq Uniku. Huwa msejjes fuq ir-rapporti tal-eks Prim Ministru Letta dwar is-Suq Uniku⁵, tal-eks Prim Ministru Draghi dwar il-kompetittività⁶, u tal-eks President Niinistö dwar it-thejjija⁷. Dan iwieġeb għall-appelli tan-negozji biex il-kompetittività titpoġġa fil-qalba tal-aġenda tal-UE⁸.

Illustrazzjoni 1: L-evoluzzjoni tal-produttività tax-xogħol fl-UE u f'ekonomiji avvanzati oħra



Sors: Il-bażi tad-data AMECO. Il-PDG *per capita* f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist (PPP, purchasing power parities) għal kull siegħa maħduma. Valuri indċjati għall-UE f'100 fl-2023.

Bit-22 Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni (KPIs, Key Performance Indicators)⁹ tiegħu, ir-rapport jipprovdi analiżi tal-ixprunaturi ewlenin tal-kompetittività u tal-produttività fit-tul tal-UE, kif ukoll tal-istat tas-Suq Uniku. Dan jipprovdi bażi għal diskussjoni mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew, u jippermetti li jittieħed kont tas-Suq Uniku u tal-kompetittività tal-UE bħala parti minn rieżami tal-progress annwali¹⁰, b'segwitu għal talba tal-Kunsill Ewropew¹¹ imsejja fuq il-Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-Kompetittività fit-tul tal-UE¹². Din hija sostnuta minn żewġ Dokumenti ta' Hídma tal-Persunal li jipprovdu kopertura

⁵ L-eks Prim Ministru Letta, "[Much more than a Market](#)".

⁶ L-eks Prim Ministru Draghi, "[The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe](#)".

⁷ L-eks President Niinistö, "[Enhancing the European Union's Resilience for Future Uncertainties](#)".

⁸ Sejħiet mill-komunità tan-negozju jinkludu, pereżempju, [id-Dikjarazzjoni ta' Antwerp għal Patt Industrijali Ewropew](#).

⁹ L-edizzjoni ta' din is-sena tar-rapport titlaq mill-KPIs 17+2 mill-ASCMR tal-2024, u tikkomplementah b'għadd limitat ta' żidiet biex tiġi approfondita l-analiżi f'oqsma ta' interess kruċjali.

¹⁰ [Il-Komunikazzjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku" \(COM\(2023\)162\)](#).

¹¹ [Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew \(EUCO, European Council\) ta' Diċembru 2022](#) talbu lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija fil-livell tal-UE biex tagħti spinta lill-kompetittività u lill-produttività.

¹² [Il-Komunikazzjoni "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" \(COM\(2023\) 168\)](#).

tad-data u analiżi addizzjonali marbutin mal-KPIs, ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' reżiljenza mill-atturi globali magħżulin, u monitoraġġ tal-ekosistemi industrijali. Dawn l-elementi huma kkomplementati mit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u tal-Kompetittività li tinkludi 150 indikatur addizzjonali¹³.

Ir-rapport jidentifika l-punti b'saħħithom li għandna nibnu fuqhom u l-punti dgħajfin li għandna nindirizzaw. Dan jibda b'valutazzjoni tal-funzjonament tas-Suq Uniku u jkompli biex iqis il-kompetittività tal-UE tul it-tliet assi tal-Boxxla għall-Kompetittività. Dan jeżamina l-progress tal-UE fit-tnaqqis tad-diskrepanza fl-innovazzjoni. Imbagħad, ir-rapport jippreżenta is-sitwazzjoni attwali tal-ixprunaturi li qed javvanzaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u l-investment. Fl-aħħar, ir-rapport jeżamina l-progress li sar fit-tiġid tas-sigurtà ekonomika u fit-tnaqqis tad-dipendenzi.

¹³ Il-Kummissjoni Ewropea, it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.

TAQSIMA 1 – Suq Uniku li jiffunzjona

KPI	Xi jkejjel	Mira	L-aktar valur reċenti
KPI 1: Produttività tax-xogħol	PDG għal kull siegħa maħduma f'termini ta' PPP		77,8 % tal-livell tal-Istati Uniti (2023) 74,2 % tal-livell tal-Istati Uniti (2022)
KPI 2: Integrazzjoni fis-Suq Uniku	Sehem mill-PDG tal-UE rrappreżentat mill-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE		23,8 % għall-oġġetti (2023) 26,0 % għall-oġġetti (2022) 7,6 % għas-servizzi (2023) 7,8 % għas-servizzi (2022)
KPI 3: Defiċit tal-konformità	Sehem tad-Direttivi tas-Suq Uniku tal-UE trasposti mill-Istati Membri li għalihom inbdew proċedimenti ta' ksur mill-Kummissjoni għal traspożizzjoni skorretta	<0,5 %	0,9 % (2024) 1,1 % (2023)
KPI 4: Faċilità tal-konformità regolatorja	Il-faċilità tal-konformità regolatorja, abbażi tad-data tal-istħarriġ ma' kumpaniji li wiegħbu għall-mistoqsija: "F'pajjiżek, kemm huwa faċli għall-kumpaniji li jikkonformaw mar-regolamentazzjoni tal-gvern u mar-rekwiżiti amministrattivi (eż. permessi, rapportar, leġiżlazzjoni)? (1 = Estremament kumpless; 7 = Estremament faċli)" fl-istħarriġ għall-Indiċi ta' Kompetittività Globali tal-Forum Ekonomiku Dinji.		3,87 (2023) 3,80 (2022)

Didaskalija	Tjeb	Stabbli	Mar għall-aghhar
-------------	------	---------	------------------

Suq Uniku li jiffunzjona sew huwa l-katalizzatur ewlieni għat-tkabbir tal-produttività għax jipprovdi ġabra kbira ta' talbiet u sorsi tal-provvista diversifikati. Dan jipprovdi l-iskala għall-kumpaniji biex jinnovaw u jikbru. Wieħed mill-assi ewlenin tiegħu huwa ambjent stabbli bbażat fuq l-istat tad-dritt. Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa ċentrali għall-funzjonament tas-Suq Uniku, u jipprovdi ambjent operattiv stabbli li jagħti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha vantaġġ kompetittiv globali. L-istat tad-dritt jiżgura ambjent tan-negozju li fih il-liġijiet japplikaw b'mod effettiv u uniformi, fejn in-negozji jistgħu jaħdmu fi Stat Membru ieħor fuq l-istess livell mal-kumpaniji lokali, u l-baġits jintefqu fuq bażi trasparenti u oġġettiva.

L-integrazzjoni tas-Suq Uniku qed tavvanza, b'xejra li turi li l-kummerċ intra-UE żdied matul dawn l-aħħar deċennji. Illum, il-kummerċ transfruntier tal-oġġetti fi ħdan l-UE żdied minn ftit aktar minn 20 % tal-PDG tal-UE fl-2018 għal 23,8 % (il-KPI 2). Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-integrazzjoni tas-servizzi hija aktar varjata — u qed tiżdied ħafna aktar bil-mod u minn livelli ħafna aktar baxxi — minn madwar 7 % tal-PDG għal 7,8 % matul l-istess perjodu. Fl-2023, kien hemm tnaqqis konsiderevoli għall-oġġetti u tnaqqis żgħir għas-servizzi¹⁴, iżda dan għadu ferm ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija. Parti importanti mit-tnaqqis reċenti fil-valur tal-kummerċ tal-oġġetti tista' tiġi attribwita għat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, li jnaqqas il-prezzijiet tal-oġġetti kkummerċjalizzati, għalkemm kien hemm tnaqqis ukoll fil-volumi attwali. Jista' jkun li għadu kmieni wisq għal konklużjoni soda dwar dawn ix-xejriet, u

¹⁴ Minbarra l-effett ċar fuq il-prezzijiet, hemm diversi raġunijiet li setgħu fixklu l-kummerċ intra-UE, inkluż ir-rilevanza dejjem akbar tal-ktajjen tal-valur globali, it-tensjonijiet ġeopolitiċi, il-bidliet strutturali fl-ekonomija tal-UE bħat-tnaqqis fil-manifattura u ż-żieda fis-servizzi, id-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE, u l-ostakli persistenti għall-kummerċ u għall-investiment bħall-ostakli nontariffarji u d-differenzi regolatorji.


d-data futura se tipprovdi aktar evidenza.

1.1 Ostakli fis-Suq Uniku

Matul is-snin, l-UE nehiet ħafna ostakli għall-kummerċ fis-Suq Uniku, iżda fl-istess ħin qed ikompli jiffaċċaw ostakli u sorsi ta' frammentazzjoni ġodda. It-Tracker tal-Ostakli għas-Suq Uniku¹⁵, kif ukoll l-analiżi mir-Round Table Ewropea għall-Industrija¹⁶, il-EUROCHAMBRES¹⁷, u partijiet ikkonċernati oħra jiżvelaw xejra ta' żieda fl-ostakli. Il-monitoraġġ minn perspettivi differenti huwa meħtieġ sabiex jiġi identifikat ir-rispons politiku adegwat għat-tnaqqis ta' dawn l-ostakli.

Fir-rigward tas-servizzi, is-Suq Uniku għadu frammentat b'taħlita ta' ostakli regolatorji u amministrattivi. L-aktar ostakli regolatorji importanti jinkludu r-rekwiżiti legali għall-aċċess għal professjonijiet regolati u għall-kumpaniji li jistgħu jwettqu servizzi, flimkien ma' liġijiet diverġenti dwar l-impjegi u t-taxxa. L-ostakli amministrattivi jinkludu rekwiżiti ta' dikjarazzjoni kumplessi għall-istazzjonar tal-ħaddiema u għaċ-ċertifikazzjoni tal-kopertura tas-sigurtà soċjali. Il-kumplessità tad-dritt tal-kumpaniji u d-diverġenzi bejn ir-regoli fi Stati Membri differenti li japplikaw meta jitwaqqaf negozju ġdid jew tiġi rreġistrata impriża sussidjarja jibqgħu ostaklu għas-servizzi li jiddependu fuq il-prossimità mal-klijenti tagħhom.

Illustrazzjoni 2: Ostakli rrapportati skont il-kategoriji, imqasma bejn l-ewwel 15.



Sors: Id-dashboard tat-Tracker tal-Ostakli għas-Suq Uniku, bl-użu ta' data minn Your Europe, sħarriġ dwar il-feedback tal-SMEs, is-SOLVIT u l-Pariri tal-Ewropa Tiegħek (YEA, Your Europe Advice), bejn l-2022 u Ottubru 2024.

Iċ-ċirkolazzjoni tal-oġġetti transfruntiera intra-UE spiss tiffaċċja diversi tipi ta' ostakli, kif turi d-data mit-Tracker tal-Ostakli għas-Suq Uniku. Pereżempju, ir-rekwiżiti nazzjonali dwar l-imballaġġ u t-tikkettar iġiegħlu lill-produtturi jagħmlu prodotti mfasla għal Stati Membri speċifiċi — minflok ma joffru servizzi lis-Suq Uniku kollu. L-aċċess tal-oġġetti għas-suq ukoll qiegħed taħt pressjoni minħabba l-ostakli legali u amministrattivi għad-dħul, inkluż biex jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi. L-ostakli mhux regolatorji, bħar-

¹⁵ It-Tracker tal-Ostakli għas-Suq Uniku huwa għodda maħluqa skont ir-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika biex tinġabar id-data dwar l-ostakli tas-Suq Uniku miċ-ċittadini u n-negozji: [It-Tracker tal-Ostakli għas-Suq Uniku](#).

¹⁶ [Single Market - Compendium of obstacles - it-13 ta' Frar 2024](#).

¹⁷ L-istħarriġ tal-Eurochambres dwar is-Suq Uniku: [Overcoming obstacles, developing solutions](#).

restrizzjonijiet territorjali fuq il-provvista¹⁸, huma rrapportati regolarmet mill-partijiet ikkonċernati (ara t-Taqsima 1.4 hawn taħt dwar il-moviment liberu tal-oġġetti). Wieħed mill-ostakli għall-oġġetti huwa kif l-aċċess għas-suq jitnaqqas bir-reqwiziti tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi. Ir-reqwiziti tas-suq stabbiliti mill-Istati Membri għar-rikonoxximent reċiproku ta' oġġetti mhux armonizzati, u l-esportazzjoni, it-trasport u l-użu ta' materjali sekondarji komplew ukoll jifframentaw is-Suq Uniku. L-Illustrazzjoni 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-15-il ostaklu ewlieni, kif irrapportat fit-Tracker tal-Ostakli għas-Suq Uniku.

1.2 Implimentazzjoni u infurzar fis-Suq Uniku

L-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni għandhom ir-responsabbiltà komuni li jinfurzar id-dritt tal-UE, inkluż l-iżgurar tal-konformità mar-regoli tas-Suq Uniku, u l-infurzar tad-drittijiet tan-nies. Il-ħidma tal-Kummissjoni biex tiżgura l-konformità tgħaqqad tliet aspetti ewlenin: it-tisħiħ tal-prevenzjoni tal-ostakli, il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri, u l-azzjonijiet ta' infurzar korrettivi.

Fir-rigward tal-aspett preventiv tal-infurzar, il-Kummissjoni taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-mekkaniżmi ta' notifika eżistenti u t-trasparenza tagħhom. Bi tweġiba għat-talba tal-Istati Membri, il-Kummissjoni nediet u qed tkompli tiżviluppa t-Tieqa Unika għan-Notifiki, pjattaforma online li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri ta' notifika differenti li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni settorjali u aċċess sempliċi għalihom, b'rilevanza għas-Suq Uniku.

It-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET, Single Market Enforcement Taskforce) trawwem sens ta' responsabbiltà komuni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, biex jimplimentaw kif suppost ir-regoli tal-UE u jaħdmu flimkien biex jindirizzaw ostakli speċifiċi fis-Suq Uniku. Ir-rapport tas-SMET¹⁹ jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva. Eżempji tar-riżultati miksuba matul dawn l-aħħar ftit snin huma t-tneħħija ta' aktar minn 90 ostaklu amministrattiv għall-ħruġ tal-permessi għall-enerġija mir-riħ u mix-xemx u l-appoġġ għall-introduzzjoni ta' 5 Prattiki tajba għall-ħruġ tal-permessi li jgħinu biex jiżiedu l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli. Il-kooperazzjoni fi ħdan is-SMET naqqset ukoll id-diskriminazzjoni tal-IBAN f'ħames oqsma (it-taxxi, il-pagamenti tas-sigurtà soċjali, il-pensjonijiet, il-ħlas għall-kura tas-saħħa u t-telekomunikazzjoni). L-identifikazzjoni ta' proġetti tas-SMET ġodda f'oqsma oħra, bħas-servizzi diġitali, ir-reqwiziti tal-imballaġġ u tat-tikkettar, u r-rikonoxximent reċiproku għadha għaddejja²⁰.

Fir-rigward tal-aspett korrettiv tal-infurzar tas-Suq Uniku, hemm titjib kostanti fis-sitwazzjoni. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku²¹, hemm tnaqqis ulterjuri fl-għadd ta' każijiet ta' ksur fis-Suq Uniku (-6 % fl-aħħar sena) li l-Kummissjoni fetħet kontra l-Istati Membri tal-UE talli naqsu milli jimplimentaw kif suppost il-leġiżlazzjoni tal-UE²². L-għadd ta' każijiet ta' ksur għal kull Stat Membru jvarja b'mod konsiderevoli u s-setturi

¹⁸ Ir-Restrizzjonijiet Territorjali fuq il-Provvista huma ostakli imposti minn fornituri privati fil-katina tal-provvista, u jistgħu jaffettwaw lill-bejjiegħa bl-innut jew lill-bejjiegħa bl-ingrossa. Dawn jistgħu jimpedixxu jew jillimitaw il-kapaċità tal-bejjiegħa bl-innut jew tal-bejjiegħa bl-ingrossa li jakkwistaw l-oġġetti f'pajjiżi oħra tal-UE għajr dak li jkunu bbażati fih, u/jew iżommhom milli jiddistribwixxu (jiġifieri jbigħu mill-ġdid) l-oġġetti f'pajjiżi oħra tal-UE għajr dak li huma jkunu bbażati fih.

¹⁹ [Il-Kummissjoni Ewropea, ir-rapport tas-SMET.](#)

²⁰ [Ir-rapport tas-SMET.](#)

²¹ [It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.](#)

²² [It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.](#) Inkiseb tnaqqis fil-każijiet ta' ksur pendenti minkejja l-fatt li nfetħu 25 % aktar każijiet ġodda meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti (172, b'żieda minn 138).

kkonċernati bl-aktar każijiet ta' ksur fis-Suq Uniku huma l-ambjent (35 %), it-trasport (17 %), u l-enerġija (12 %). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tissokta bl-infurzar tagħha tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE kontra l-imġiba antikompetittiva tal-kumpaniji li toħloq ostakli għall-funzjonament kif suppost tas-Suq Uniku. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-individwi jistgħu jitolbu kumpens finanzjarju jekk Stat Membru jikser serjament id-dritt tal-UE.

Id-defiċit tal-konformità qed jonqos bil-mod mil-livelli għoljin ta' qabel iżda xorta waħda ma jilħaqx il-valur fil-mira tal-UE²³. Dan jitkejjel bħala s-sehem tad-Direttivi tas-Suq Uniku tal-UE trasposti mill-Istati Membri li għalihom inbdew proċedimenti ta' ksur mill-Kummissjoni minħabba traspożizzjoni skorretta (il-KPI 3). Wara li d-defiċit tal-konformità żdied b'mod ċar minn 0,8 % fl-2018 għall-ogħla livell ta' 1,4 % fl-2020, issa naqas bil-mod għal 0,9 % fl-2023. Madankollu, dan għadu ferm ogħla mill-mira tal-UE ta' 0,5 %.

L-Att dwar l-Emerġenza u r-Reżiljenza tas-Suq Intern²⁴ isaħħaħ it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet billi jindirizza t-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista u jtejjeb il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni qed timplimenta pjanijiet ta' kontinġenza, inkluż simulazzjonijiet ta' kriżijiet u għodod għal komunikazzjoni mtejba, biex tissalvagwardja l-operazzjoni bla xkiel tas-Suq Uniku għaċ-ċittadini, in-negozji, u l-gvernijiet.

1.3 Forniment transfruntier tas-servizzi fis-Suq Uniku

Is-settur tas-servizzi jirrappreżenta madwar 70 % tal-PDG u l-impjiegi tal-UE²⁵, madankollu, il-prestazzjoni tas-Suq Uniku għas-servizzi għadha ma laħqitx il-potenzjal tagħha. Il-kummerċ tas-servizzi transfruntieri huwa ta' anqas minn terz ta' dak fl-oġġetti²⁶ u, għall-kuntrarju tal-oġġetti, mhuwiex ogħla mill-kummerċ fis-servizzi ma' pajjiżi mhux tal-UE. It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol fis-servizzi wkoll għadu baxx²⁷ u jħalli impatt negattiv fuq il-kompetittività, kemm tas-settur tas-servizzi nnifsu kif ukoll tal-industriji tal-manifattura tal-UE, billi s-servizzi jipprovdu kważi 40 % tal-valur miżjud fil-manifattura²⁸.

Skont id-Direttiva dwar is-Servizzi, li għandha l-għan li tneħħi l-ostakli għall-investiment u għall-kummerċ fis-servizzi transfruntieri, l-Istati Membri jgawdu minn libertà sinifikanti biex jistabbilixxu r-regoli proprji tagħhom. Din twassal għal diversità kbira fir-regoli nazzjonali. Filwaqt li r-rekwiżiti nazzjonali speċifiċi jistgħu jkunu ġustifikati u proporzjonati biex jissodisfaw l-oġġettivi leġittimi ta' interess pubbliku, dawn jimponu ostakli fuq il-professjonisti u l-kumpaniji li jkunu jixtiequ joffru servizzi fi Stati Membri oħra tal-UE. Il-Kummissjoni tistma li minkejja tnaqqis inizjali tal-ostakli regolatorji wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, madwar 60 % ta' dawn l-ostakli huma tal-istess tip bħal dawk ta' 20 sena ilu²⁹, b'rikonoxximent reċiproku limitat fis-seħħ.

²³ Il-Kummissjoni Ewropea – [It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku](#).

²⁴ [L-Att dwar l-Emerġenza u r-Reżiljenza tas-Suq Intern](#).

²⁵ [It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, "Access għas-Servizzi u s-Swieq tas-Servizzi"](#).

²⁶ Dan huwa prinċipalment minħabba l-ostakli msemmija fit-Taqsima 1.1 hawn fuq, bħar-regolamentazzjoni tal-professjonijiet u l-kumpaniji li jistgħu jwettqu servizzi, il-liġijiet diverġenti dwar l-impjiegi u t-taxxa, ir-rekwiżiti ta' dikjarazzjoni kumplessi għall-istazzjonar tal-ħaddiema, u ċ-ċertifikazzjoni tal-kopertura tas-sigurtà soċjali.

²⁷ [Il-BĊE, il-Eurostat](#), it-tkabbir fil-produttività tax-xogħol tal-UE fis-servizzi huwa aktar baxx milli fil-manifattura (0,96 % vs 1,55 % matul il-perjodu 2010-2019). It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol fis-siegħa tal-UE fis-servizzi wkoll għadu lura meta mqabbel mal-Istati Uniti (tkabbir ta' 3,8 % vs 12,4 % matul il-perjodu 2019-2024).

²⁸ Il-Konsorzju ECSIP, Studju dwar ir-relazzjoni bejn l-industrija u s-servizzi f'termini ta' produttività u ħolqien ta' valur ekonomiku.

²⁹ [30 years of single market – taking stock and looking ahead; Business Europe. Examples of Single Market barriers for businesses - 2023](#).

Is-setturi tas-servizzi bħall-kostruzzjoni u l-bejgħ bl-imnut huma ekonomikament importanti iżda għadhom ma laħqux il-potenzjal tagħhom³⁰. Il-provvista ta' akkomodazzjoni ġdida u r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tal-Ewropa qed inaqqsu r-ritmu minħabba ambjent regolatorju u amministrattiv kumpless b'diverġenzi kbar mhux biss bejn l-Istati Membri, iżda anke fi ħdan l-Istati Membri, u dan jirrestrinġi l-forniment ta' servizzi ta' kostruzzjoni transfruntieri. Eżempji oħra jinkludu restrizzjonijiet fuq l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut u fuq l-operazzjonijiet tal-bejgħ bl-imnut ta' kuljum li jaġixxu bħala impedimenti sinifikanti għal settur tal-bejgħ bl-imnut bi prestazzjoni aqwa, b'effetti konsegwenzjali tul il-katina tal-provvista u fuq il-konsumaturi.

L-Istati Membri qed jirrestrinġu l-aċċess għal aktar minn 5 700 professjoni regolata fl-UE³¹, li jirrappreżentaw madwar 22 % tal-forza tax-xogħol³². Il-proporzjon tal-forza tax-xogħol fil-professjonijiet regolati jvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, u jvarja minn 14 % fid-Danimarka għal 33 % fil-Ġermanja³³. Ir-regolamentazzjoni tal-professjonijiet tista' tipproteġi l-oġettivi ta' interess ġenerali iżda a skapitu taċ-ċittadini domestiċi u oħrajn tal-UE li ma jitħallewx jeżerċitaw dawn il-professjonijiet sakemm ma jissodisfawx ir-rekwiżiti fil-liġi nazzjonali. Meta wieħed iħares lejn sett ta' professjonijiet normalment imqabbla mill-kumpaniji bħala fornituri esterni tas-servizzi, bħal kontabilisti, periti, inġiniera ċivili u avukati, il-grad ta' restrizzjoni jvarja ħafna, b'xi Stati Membri li ma jimponu l-ebda restrizzjoni filwaqt li oħrajn jirrestrinġu ħafna l-possibbiltà għaċ-ċittadini barranin biex jeżerċitaw il-professjoni³⁴.

Meta Stat Membru jirregola professjoni, iċ-ċittadini minn Stati Membri jkunu huma meħtieġa jgħaddu minn proċedura biex il-kwalifika professjonali tagħhom tiġi rikonossuta. Grazzi għall-proċessi stabbiliti skont id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Personali³⁵, aktar minn 90 % tal-kważi miljun talba għar-rikonossiment kisbu riżultat pożittiv³⁶. Madankollu, iċ-ċittadini jiffaċċjaw problemi prattiċi meta jippruvaw jiksbu r-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali tagħhom³⁷. Ir-rikonossiment ineffiċjenti u kajman tal-kwalifiki taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi wkoll huwa sfida persistenti, li timblokka l-mobbiltà, tikkontribwixxi għas-sovrakwalifikazzjoni u tillimita l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-UE. Il-Kummissjoni qed taħdem fuq soluzzjonijiet possibbli biex tħaffef u tissimplifika s-sistema għar-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali.

Filwaqt li d-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar tal-ħaddiema jistgħu jiġu ġġustifikati biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom, dawn jikkostitwixxu ostaklu amministrattiv sinifikanti għall-forniment transfruntier temporanju ta' servizzi. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-awtoritajiet tal-Istati Membri fit-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku biex tiżgura obbligi tad-dikjarazzjoni ġustifikati u proporzjonati. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll Regolament biex jiġi stabbilit portal diġitali volontarju komuni ħalli tiġi ssimplifikata d-dikjarazzjoni tal-istazzjonar tal-ħaddiema, li jkun konness mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI,

³⁰ Pereżempju, il-kostruzzjoni tirrappreżenta 11 % tal-PDG tal-UE, iżda tirrappreżenta biss 1 % tal-kummerċ fis-servizzi intra-UE. Il-produttività tax-xogħol fis-siegħa fil-kostruzzjoni tammonta għal madwar EUR 35 fis-siegħa, 30 % anqas milli fil-manifattura.

³¹ [Il-Bażi tad-Data tal-Professjonijiet Regolati](#).

³² [Measuring Prevalence and Labour Market Impacts of Occupational Regulation in the EU](#).

³³ *Idem*.

³⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, [it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku](#), "Ostakli għall-aċċess għas-swieq tas-servizzi professjonali"; il-bażi tad-data tal-indikatur tar-restrittività tal-UE (EURI, EU restrictiveness indicator).

³⁵ [Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Personali](#).

³⁶ [Il-Bażi tad-Data tal-Professjonijiet Regolati](#).

³⁷ Għalkemm il-proċeduri għar-rikonossiment awtomatiku bbażati fuq rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ jew fuq l-esperjenza professjonali japplikaw għal professjonijiet u setturi speċifiċi, l-ambitu tagħhom fil-prattika huwa limitat wisq u l-proċeduri spiss wisq jibqgħu kumplessi u kajmana.

Internal Market Information System)³⁸. Dan jippermetti lill-kumpaniji jagħmlu dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar f'post wieħed għall-pajjiżi kollha tal-UE li jużaw l-interfaċċa pubblika u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi għall-kumpaniji u għall-awtoritajiet nazzjonali filwaqt li jipproteġi wkoll id-drittijiet tal-ħaddiema.

Is-settur postali qed jiffaċċja sfidi minħabba t-tnaqqis strutturali fl-attività tal-posta tal-ittri u l-kostijiet unitarji li qed jiżdiedu u li jpoġġu pressjoni fuq il-kost tas-servizz universali. Is-settur tas-servizzi postali huwa vitali għall-ekonomija u għas-Suq Uniku, u jikkontribwixxi 0,8 % tal-PDG tal-UE u jimpjega 1,65 miljun persuna. L-entranti fis-suq ġodda, speċjalment il-ġganti tal-kummerċ elettroniku, qed ifixklu l-kompetizzjoni fl-ispazju tal-konsenja tal-pakketti. Skont studju reċenti³⁹, is-settur qed jiffaċċja sfidi bħall-frammentazzjoni regolatorja dejjem akbar u l-livelli ta' kwalità diverġenti.

1.4 Moviment transfruntier tal-oġġetti fis-Suq Uniku

Il-Qafas Leġiżlattiv Ġdid (NLF, New Legislative Framework) tejjeb il-konsistenza fil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-UE iżda qed jiffaċċja xo sfidi. Filwaqt li jkopri prodotti bħall-batteriji, il-makkinarju u t-tagħmir ta' sikurezza personali⁴⁰, l-NLF jirfed madwar 80 % tal-produzzjoni industrijali u 74 % tal-manifattura intra-UE. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-2022 tal-NLF żvelat kwistjonijiet urġenti, inkluż l-influwenza barranija potenzjali, il-prattiki illegali u l-lakuni fl-indirizzar tad-diġitalizzazzjoni u tal-ekonomija ċirkolari. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-koerenza u jitnaqqas l-kostijiet għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet.

Il-moviment liberu tal-oġġetti jiddgħajef meta l-prodotti jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti għas-saħħa, is-sikurezza u s-sostenibbiltà. Il-qafas tal-UE għas-sorveljanza tas-suq għandu l-għan li jiġġieled dan u jikkonċerna l-prodotti mhux tal-ikel kollha koperti mil-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni. Dawk il-prodotti jirrappreżentaw madwar żewġ terzi tal-kummerċ tal-oġġetti intra-UE. Il-Kummissjoni tappoġġa u tikkoordina l-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali li jivverifikaw il-konformità tal-prodotti introdotti fis-suq tal-UE u tiffinanzja 36 azzjoni ta' infurzar konġunta li għaddejjin bħalissa f'setturi ta' prodotti differenti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. FI-2024, l-awtoritajiet tal-infurzar irreġistraw aktar minn 36 916-il investigazzjoni fuq prodotti mhux tal-ikel u ħadu miżuri f'aktar minn 23 389 każ biex jiproteġu lill-konsumaturi u jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għan-negożji.

Ix-xejriet ġodda fil-kummerċ elettroniku internazzjonali u fir-rikonfigurazzjonijiet tal-ktajjen tal-provvista jitfgħu pressjoni fuq il-kontrolli doganali, is-sorveljanza tas-suq, u l-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur. L-għadd ta' pakketti tal-kummerċ elettroniku importati fl-UE żdied minn 1,1 biljun fl-2022 għal 2,2 biljun fl-2023 u huwa mistenni li jilħaq l-4 biljun fl-2024. FI-2023, madwar 152 miljun oġġett falz inżammu fil-fruntiera tal-UE u fis-Suq Uniku, u dan jirrappreżenta żieda sinifikanti minn 86 miljun fl-2022⁴¹. Ittieħdu passi sinifikanti biex tiġi indirizzata l-isfida tal-oġġetti mhux konformi li jaslu

³⁸ [Il-Proposta tal-Kummissjoni](#) tat-13 ta' Novembru 2024 li tistabbilixxi portal uniku għad-dikjarazzjonijiet diġitali.

³⁹ [Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs - Servizzi tal-Posta](#).

⁴⁰ [Batteriji: ir-Regolament \(UE\) 2023/1542](#); makkinarju: [ir-Regolament \(UE\) 2023/1230](#); tagħmir ta' protezzjoni personali: [ir-Regolament \(UE\) 2016/425](#).

⁴¹ Dan johlq sfidi partikolari għas-sikurezza tal-prodotti u għas-sorveljanza tas-suq billi minn fost il-prodotti perikolużi identifikati fl-UE, madwar tliet kwarti jiġu minn barra l-UE u mhux il-prodotti tal-konsumatur kollha jkunu soġġetti għar-rekwiżit li jkun hemm persuna responsabbli fl-UE li tista' tiġi kkuntattjata biex tieħu azzjoni korrettiva. Dan għandu effett negattiv fuq il-kundizzjonijiet ekwi fl-UE.

fis-Suq Uniku, inkluż permezz tal-bejgħ online. Dawn jinkludu l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq⁴² appoġġat min-Network tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti, l-adozzjoni tar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti⁴³ biex jissaħħu r-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-proposti għal riforma tal-Unjoni Doganali tal-UE biex l-importazzjonijiet tal-prodotti jiġu kkontrollati b'mod aktar effettiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tiegħu azzjoni fil-qafas tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Ir-Restrizzjonijiet Territorjali fuq il-Provvista fil-bejgħ bl-imnut u fil-bejgħ bl-ingrossa jifframentaw is-Suq Uniku, jillimitaw l-għażla tal-konsumaturi u jikkontribwixxu għal differenzi fil-prezzijiet sinifikanti fl-UE⁴⁴. Dawn ir-restrizzjonijiet huma imposti minn manifatturi ta' marki kbar biex jagħmluha diffiċli ħafna jew impossibbli għall-bejjieġha bl-imnut li jixtru prodotti fi Stat Membru wieħed u jbigħuhom mill-ġdid f'ieħor. Għalkemm id-dritt tal-kompetizzjoni huwa għodda effettiva għall-penalizzazzjoni ta' prattiki bħal dawn⁴⁵, ħafna minnhom mhumiex fl-ambitu tiegħu⁴⁶. Biex tidentifika soluzzjonijiet għal din il-kwistjoni, il-Kummissjoni nediet eżerċizzju għat-tiftix tal-fatti mal-Istati Membri fis-SMET u se tibda djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-industrija (il-bejjieġha bl-imnut u l-bejjieġha bl-ingrossa, il-manifatturi, il-konsumaturi).

L-istandards tekniċi armonizzati jipromwovu l-moviment liberu tal-oġġetti billi jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza, tal-kwalità, u tal-prestazzjoni fl-Istati Membri kollha. Il-markatura CE tidentifika l-prodotti li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni armonizzata tal-UE dwar il-prodotti, u tippermetti li dawn jinbiegħu fl-Ewropa kollha. L-istandards inaqqsu l-ostakli għall-kummerċ, jiżguraw l-interoperabbiltà tal-prodotti u jtejbju l-kompetittività tan-negozzi Ewropej. Xi drabi, il-qafas ta' standardizzazzjoni jkun nieqes mill-ħeffa u l-aġilità, b'mod partikolari għal ktajjen tal-valur ġodda għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Huwa ta' importanza assoluta li jiġu mħeġġa l-implimentazzjoni rapida tal-istandards u l-parteċipazzjoni tal-industrija tal-UE fil-ħidma fuq talbiet tal-istandardizzazzjoni f'oqsma kruċjali għall-kompetittività tal-UE. Dawn l-oqsma ta' prijorità jiġu stabbiliti kull sena, permezz tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni għall-Istandardizzazzjoni Ewropea⁴⁷. Bħalissa, il-Kummissjoni qiegħda tivvaluta l-qafas legali dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea biex tiddetermina azzjoni ulterjuri.

L-evalwazzjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti turi proliferazzjoni tar-rekwiżiti għat-tikkettar. B'hekk tiżdied il-kumplessità tal-informazzjoni pprovduta lill-klijenti u jinqasam is-Suq Uniku. Din tikkonkludi⁴⁸ wkoll li l-qafas regolatorju eżistenti fil-livell Ewropew ma jkoprix l-informazzjoni relatata mar-riċiklaġġ u t-tikketti mhux fiżiċi, jiġifieri t-tikkettar diġitali.

⁴² [Ir-Regolament \(UE\) 2019/1020.](#)

⁴³ [Ir-Regolament \(UE\) 2023/988.](#)

⁴⁴ Studju indipendenti li sar għall-Kummissjoni Ewropea fl-2020 stima li jekk it-TSCs jitnehew, il-konsumaturi jkun jistgħu jiffrankaw sa EUR 14,1 biljun fis-sena fuq ix-xiri tagħhom ta' ċerti prodotti.

⁴⁵ Fit-23 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni mmultat lil Mondelez EUR 337,5 miljun talli ostakolat il-kummerċ transfruntier taċ-ċikkulata, tal-gallettini u tal-prodotti tal-kafè. Qabel, fl-2019, il-Kummissjoni kienet immultat lil AB InBev EUR 200 miljun talli rrestrinġiet il-bejgħ transfruntier tal-birra.

⁴⁶ Id-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE japplika biss meta r-restrizzjonijiet territorjali fuq il-provvista jiġu inklużi fi ftehimiet antikompetittivi jew jiġu implimentati unilateralment minn operatur dominanti.

⁴⁷ [Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni għall-Istandardizzazzjoni Ewropea għall-2024.](#)

⁴⁸ [Ir-Rieżami tar-Regolament \(UE\) 1007/2011.](#) Eż. "Barra minn hekk, qed jiġu żviluppatti fibri ġodda, b'kumplessità u ħeffa dejjem akbar, u t-teknoloġiji tar-riċiklaġġ ġodda qed isiru disponibbli malajr, u dawn jeħtieġu identifikazzjoni aqwa tal-fibra", "it-teknoloġiji tat-tikkettar diġitali issa huma faċilment disponibbli u affordabbli".

1.5 Piż regolatorju fis-Suq Uniku

In-negozji jidhrilhom li l-piż regolatorju fl-Ewropa huwa tqil wisq, bi 32 % tad-ditti tal-UE li jidentifikaw ir-regolamentazzjonijiet bħala “ostaklu ewlieni” għall-attività ta’ investiment tagħhom. Għal 34 % oħra tal-kumpaniji tal-UE, ir-regolamentazzjoni huwa ostaklu minuri, u dan ifisser li b’kollox żewġ terzi tal-kumpaniji jħossu li huma ostakolati milli jinvestu minħabba regolamentazzjoni eċċessiva⁴⁹. B’paragun ma’ dan, 21 % biss tal-kumpaniji fl-Istati Uniti jindikaw ir-“regolamentazzjonijiet tan-negozju” bħala impediment ewlieni għall-investiment. Meta mqabbla mas-sena l-oħra, il-perċezzjonijiet tan-negozji tal-UE dwar il-piż tar-regolamentazzjoni tal-gvern kienu ġeneralment stabbli, b’titjib żgħir minn 3,4 fl-2019 għal 3,9 fl-2023⁵⁰, għalkemm dan il-piż għadu kbir wisq (ara l-KPI 4).

Skont 41 % tal-kumpaniji, il-piż regolatorju akbar bħala l-fattur ta’ riskju ewlieni li qed iħalli impatt negattiv fuq l-attraenza tal-UE bħala post għall-investiment dirett barrani (IDB)⁵¹. Dan jista’ parzjalment jispjega t-tnaqqis sinifikanti fis-sehem tal-UE ta’ flussi ta’ IDB globali annwali minn 36 % (2019) għal 4 % (2023)⁵². Il-piż regolatorju huwa partikolarment inkonvenjenti għall-SMEs. Mill-SMEs tal-UE, 28 % jirrapportaw li aktar minn 10 % tal-persunal tagħhom huma impjegati biex jivvalutaw u jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-istandards regolatorji⁵³. Pereżempju, il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal faċilitajiet tal-manifattura ġodda jew modernizzati, jistgħu jieħdu ħafna ħin, jiswew ħafna flus u jinvolvu l-interazzjoni ma’ għadd kbir ta’ amministrazzjonijiet pubbliċi. Oqsma oħra li ssemmew aktar minn darba mill-kumpaniji bħala partikolarment ristrettivi huma l-istazzjonar tal-ħaddiema, ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u l-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

1.6 Għodod diġitali għas-Suq Uniku

L-operaturi ekonomiċi jirrapportaw diffikultajiet marbuta mal-aċċessar tal-informazzjoni u mat-twettiq tal-formalitajiet amministrattivi online. Skont sħarriġ reċenti⁵⁴, il-problemi ewlenin jinkludu d-diffikultà ta’ aċċess għal informazzjoni dwar ir-regoli u r-rekwiżiti u l-proċeduri amministrattivi kumplessi wisq. Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, l-għodod diġitali jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess u jnaqqsu l-piż amministrattiv. Pereżempju, il-Gateway Diġitali Unika hija inizjattiva tal-gvern elettroniku tal-UE li diġà sservi bħala punt uniku ta’ servizz għaċ-ċittadini u għan-negozji li jixtiequ jaħdmu, jistudjaw jew ikollhom negozju f’pajjiż ieħor tal-UE. L-ambitu tagħha espanda gradwalment biex jinkludi oqsma u inizjattivi leġiżlattivi addizzjonali⁵⁵. Madankollu, għad hemm bżonn ta’ progress sinifikanti, b’mod partikolari biex il-proċeduri jsiru aċċessibbli għall-utenti transfruntieri.

Il-kooperazzjoni frammentata fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea tista’ ddgħajef l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE. Is-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information System) taqdi rwol importanti fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni u tal-iskambji rapidi bejn aktar minn 12 000 awtorità pubblika

⁴⁹ Il-BEI, [Investment Barriers in the EU](#).

⁵⁰ Fuq skala minn 1 sa 7, fejn 1=estremament kumpless, u 7=estremament faċli.

⁵¹ Ernst & Young, [Europe Attractiveness Survey 2024](#).

⁵² [Il-Kummissjoni Ewropea – It-Tabella ta’ Valutazzjoni tas-Suq Uniku; l-UNCTAD](#).

⁵³ Il-Bank Ewropew tal-Investiment, [Sħarriġ tal-Investiment tal-BEI għall-2024](#).

⁵⁴ Ara pereżempju l-Istħarriġ dwar is-Suq Uniku tal-Eurochambres tal-2024, [Overcoming obstacles, developing solutions](#).

⁵⁵ Dan l-aħħar, l-ambitu ġie estiż biex ikopri r-Regolament dwar il-governanza Ewropea tad-data, ir-Regolament dwar il-kiri ta’ akkomodazzjoni għal żmien qasir, l-Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti, u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika. Għaddejnin proposti biex jiġu inklużi l-qafas tad-Direttiva dwar l-Assoċjazzjonijiet Transfruntieri Ewropej, id-Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan u d-Direttiva dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta’ asserzjonijiet ambjentali espliċiti.

madwar l-Ewropa. Is-sena l-oħra, l-IMI inkorporat il-Bażi tad-Data tal-Professjonijiet Regolati. L-użi addizzjonali tal-IMI, bħat-twaqqif propost ta' portal uniku għad-dikjarazzjonijiet diġitali għall-istazzjonar tal-ħaddiema, jistgħu jkomplu jnaqqsu l-piż amministrattiv.

L-adozzjoni inkonsistenti tal-fatturazzjoni elettronika tkompli tikkomplika l-proċessi amministrattivi għan-negozji, b'mod partikolari fil-proċessi tal-akkwist pubbliku. Id-Direttiva dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku⁵⁶ tagħti mandat lill-awtoritajiet kontraenti kollha fl-Ewropa biex jirċievu u jipproċessaw il-fatturi elettroniċi b'mod konformi mal-istandard. Il-perċentwal ta' intrapriżi Ewropej li qed jibagħtu fatturi elettroniċi żdied minn 10,3 % fl-2013 għal 32,2 % fl-2020.

In-nuqqas ta' informazzjoni komprensiva u aċċessibbli dwar iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jostakola l-isforzi għat-trasparenza u s-sostenibbiltà. Ladarba jinħoloq u jsir operazzjonali, il-Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP, Digital Product Passport), stabbilit fil-qafas tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli li ilu fis-seħħ minn Lulju 2024, se jipprovdi informazzjoni komprensiva dwar iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, inkluż id-dokumentazzjoni tal-konformità, l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza, u l-gwida dwar ir-rimi tal-prodott.

Fl-aħħar nett, l-interoperabbiltà tas-settur pubbliku tippermetti lill-amministrazzjonijiet jikkooperaw u jfornu servizzi pubbliċi bejn il-fruntieri, u l-konfini settorjali u organizzattivi. L-interoperabbiltà transfruntiera tista' tiffirka lin-negozji bejn EUR 5,7 u EUR 19,2 biljun⁵⁷ fis-sena.

1.7 SMEs

L-SMEs tal-UE (99,8 % tal-intrapriżi) jinsabu fil-qalba tan-nisġa ekonomika tal-UE, iżda l-ambjent ekonomiku jibqa' ta' sfida għalihom. Kif juri r-rieżami tal-prestazzjoni tal-SMEs tal-GROW għall-2024, il-valur miżjud tal-SMEs f'termini reali naqas b'1,6 % fl-2023 u huwa stmat tnaqqis ulterjuri ta' 1,0 % għall-2024. Meta mqabbla ma' kumpaniji kbar, il-produttività tal-SMEs turi xejra fid-direzzjoni l-ħażina: fl-2008, l-SMEs kienu madwar 68 % produttivi daqs l-intrapriżi l-kbar, iżda fl-2024 din iċ-ċifra kienet niżlet għal 60 %⁵⁸.

L-SMEs jibqgħu l-mutur tat-tkabbir u l-innovazzjoni fl-Ewropa. Il-biċċa l-kbira tan-negozji tal-UE li qed jespandu bi tkabbir rapidu u produttività għolja huma SMEs⁵⁹. L-SMEs mikro b'anqas minn 10 impjegati ħolqu kważi 4 miljun impjeg f'dawn l-aħħar 3 snin, u fi 11 minn 14-il ekosistema industrijali, it-tkabbir tal-impjegji fl-SMEs qabeż it-tkabbir fl-intrapriżi kbar fl-2023⁶⁰.

Hemm erba' sfidi ewlenin li qed iżommu lill-SMEs lura: l-ostakli regolatorji jew il-piż amministrattiv, id-dewmien fil-ħlas, l-aċċess għall-finanzi, u l-ħiliet⁶¹. Skont 35 % tal-SMEs, il-proċeduri amministrattivi jew legali kumplessi huma ostaklu ewleni għall-implimentazzjoni ta' miżuri għall-effiċjenza fir-rizorsi⁶², filwaqt li l-aċċess għall-ħiliet jitqies

⁵⁶ [Id-Direttiva 2014/55/UE.](#)

⁵⁷ [Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-Att dwar Ewropa Interoperabbli.](#)

⁵⁸ [Ir-Rieżami tal-Prestazzjoni tal-SMEs.](#)

⁵⁹ [L-OECD, Helping SMEs scale up.](#)

⁶⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, [Ir-Rieżami tal-Prestazzjoni tal-SMEs għall-2024.](#)

⁶¹ L-SMEs irrapportaw il-kwistjonijiet li ġejjin bħala l-kwistjonijiet l-aktar urġenti tagħhom (l-istħarriġ ipermettietlihom isemmu aktar minn waħda): l-ostakli regolatorji jew il-piż amministrattiv (55 %), id-dewmien fil-ħlas (35 %), in-nuqqas ta' likwidità u aċċess għal finanzjament (21 %), u l-ħiliet inkluż il-ħiliet maniġerjali (17 %). Sors: l-Ewrobarometru 486, il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs.

⁶² L-Ewrobarometru Flash 549 dwar l-SMEs, l-effiċjenza fir-riżorsi, u s-swieq ekoloġiċi.

bħala l-aktar problema importanti għal 29 % tal-SMEs⁶³. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tal-pagamenti fl-Ewropa qed tkompli tmur għall-aġġar: iż-żminijiet attwali tal-ħlas fit-tranżazzjonijiet B2B żdiedu minn 52 jum fl-2022 għal 62 jum fl-2024. In-nuqqas ta' dinamiżmu fis-segment tal-SMEs huwa riżultat ta' tkabbir ġenerali aktar bil-mod fl-ekonomija, iżda wkoll indikazzjoni li l-espansjoni saret ta' sfida akbar u li l-ekonomiji ta' skala mis-Suq Uniku jistgħu jsiru aktar aċċessibbli.

1.8 Tkabbir u integrazzjoni possibbli ta' pajjiżi kandidati fis-Suq Uniku

L-integrazzjoni ekonomika ta' pajjiżi kandidati fis-Suq Uniku tal-UE hija prijorià ewlenija għall-Kummissjoni⁶⁴. Din tiffaċilita l-flussi tal-kummerċ u tal-investment, fejn finalment tixpruna t-tkabbir ekonomiku kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi kandidati. Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa din l-integrazzjoni billi timmonitorja l-progress tal-kandidati fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni tagħhom mad-drittijiet tal-UE u tassisti r-riformi politiċi u ekonomiċi tagħhom. L-integrazzjoni ta' aktar ekonomiji fis-Suq Uniku hija mistennija li taffettwa b'mod pożittiv setturi ewlenin bħal dawk tal-materja prima, il-makkinarju, u t-turiżmu.

L-inizjattivi biex jissaħħu r-rabtiet mal-Ukrajna u l-Moldova jinkludu l-integrazzjoni regolatorja ta' setturi industrijali magħżula. Ir-rwol tal-UE bħala sieħeb ewlieni ta' negozjar għaż-żewġ pajjiżi kiber b'mod kostanti mill-2022, u issa jirrappreżenta aktar minn 50 % tal-kummerċ globali tagħhom. Qed jiġi organizzat djalogu annwali mal-Ukrajna dwar il-kooperazzjoni industrijali; f'Marzu 2024, il-gvern Ukren ippreżenta l-Pjan għall-Ukrajna⁶⁵, lista ta' riformi u investimenti li jqarrbu aktar lill-pajjiż lejn l-UE u s-Suq Uniku. Skont il-Ftehimiet possibbli dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni ("ACAA", Agreements on Conformity Assessment and Acceptance of Industrial Products), il-Kummissjoni ssaħħaħ il-kapaċitajiet amministrattivi tal-pajjiżi kandidati biex tgħinjom jimplementaw id-dritt tal-UE dwar l-oġġetti industrijali. L-għan huwa li tiġi żgurata l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati fis-Suq Uniku tal-UE u fil-ktajjen tal-valur ekonomiċi.

It-trawwim tal-iżvilupp ekonomiku fil-viċinat tal-UE jista' jkun ta' benefiċċju wkoll għall-UE nnifisha, billi joffri opportunitajiet ta' negozjar. Il-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent⁶⁶ joffri integrazzjoni gradwali fis-Suq Uniku tal-UE għall-oġġetti u s-servizzi u konnessjonijiet aktar profondi mal-ktajjen tal-provvista tal-UE. Il-ħolqien ta' suq reġjonali komuni għall-Balkani tal-Punent allinjat mar-regoli tal-UE jista' jwassal biex l-ekonomiji tar-reġjun jirduppraw matul l-10 snin li ġejjin.

⁶³ L-istħarriġ tal-2023 dwar l-Aċċess għal Finanzjament għall-Intrapriżi (SAFE, Survey on Access to Finance for Enterprises).

⁶⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, [Riformi ta' qabel it-tkabbir u għar-reviżjoni tal-politika](#).

⁶⁵ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, [il-Pjan għall-Ukrajna](#).

⁶⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, [il-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent](#), adottat fit-8 ta' Novembru 2023.

TAQSIMA 2 – Tnaqqis tad-diskrepanza fl-innovazzjoni

2.1 Riċerka u innovazzjoni

KPI	Xi jkejjel	Mira	L-aktar reċenti tal-UE valur
KPI 5: In-nefqa fuq ir-R&Ż	In-nefqa privata u pubblika totali fir-riċerka u l-iżvilupp bħala sehem mill-PDG.	>3 % sal-2030	2,22 % (2023) 2,21 % (2022)
KPI 6: Applikazzjonijiet għal privattivi	Applikazzjonijiet għal privattivi għal kull miljun abitant		152,8 (2023) 151,8 (2022)
KPI 7: Investiment fil-kapital ta' riskju	Investiment fil-kapital ta' riskju (sehem mill-PDG)		0,05 % (2023) 0,09 % (2022)

In-nefqa għar-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż) u l-ġenerazzjoni tal-Proprietà Intellettwali (PI) huma metriċi importanti għall-kapaċità tal-innovazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Fl-ekonomija tal-għarfien tal-lum, il-PI hija kritika għas-suċċess kummerċjali u hija sinjal tal-innovazzjoni tad-ditti. Huwa għaxar darbiet aktar probabbli li n-negozji ġodda jiksbu kapital ta' riskju fi stadju bikri jekk ikollhom privattivi jew trademarks irreġistrati. Id-drittijiet tal-PI huma wkoll assoċjati ma' probabbiltà oġġha ta' 200 % ta' ħruġ li jirnexxi⁶⁷. Barra minn hekk, l-assi intanġibbli jammontaw għal 90 % tal-valur tas-suq tal-kumpaniji fl-S&P 500⁶⁸.

Matul l-aħħar snin, l-infiq fuq ir-R&Ż kiber iżda bil-mod ħafna, għal 2,2 % tal-PDG fl-2023 meta mqabbel ma' 2,1 % fl-2015⁶⁹. Dan il-valur jibqa' taħt il-mira tal-UE għal allokkazzjoni ta' 3 % tal-PDG għar-R&Ż. Barra minn hekk, l-infiq fuq ir-R&Ż għadu taħt il-livell tal-pari, bil-Korea t'Isfel (5,2 %), l-Istati Uniti (3,6 %), il-Ġappun (3,4 %), u ċ-Ċina (2,6 %) jibqgħu quddiem l-UE⁷⁰ (il-KPI 5).

Is-sehem tal-Ewropa tal-applikazzjonijiet globali għal-privattivi naqas minn 30 % għal 17 % bejn l-2000 u l-2021, għalkemm baqa' stabbli f'termini assoluti⁷¹ (il-KPI 6). Il-kumpaniji tal-UE, speċjalment l-SMEs, ma jużawx biżżejjed il-possibbiltà li jipproteġu formalment il-PI tagħhom, bħall-privattivi, it-trademarks, u d-disinji. Huma biss 9 % tal-SMEs li huma sidien ta' PI rreġistrata, meta mqabbla ma' aktar minn 55 % tal-kumpaniji l-kbar.

Filwaqt li l-bażi teknoloġika tal-UE hija aktar diversifikata minn dik ta' ekonomiji kbar oħra, hija sproporzjonalment aktar speċjalizzata f'teknoloġiji anqas kumplessi mill-kontropartijiet tagħha. Dan jindika ċerta nassa tat-teknoloġija medja li xxekkel il-kapaċità tal-UE li tidħol f'setturi ġodda b'użu intensiv tat-teknoloġija u tkabbarhom, u b'hekk jiddgħajjed il-potenzjal għal tkabbir futur. Meta wieħed iħares lejn l-aqwa 50 investitur globali tar-R&Ż għal kull settur fl-2023, ippreżentati fit-Tabella ta' Valutazzjoni tar-R&Ż Industrijali tal-2024, il-kumpaniji tal-UE kienu fuq quddiem fis-settur awtomobilistiku (sehem ta' 61 % mit-total, l-Istati Uniti 18 %, iċ-Ċina 5 %, il-Ġappun 15 %) filwaqt li f'setturi oħra b'użu intensiv tat-teknoloġija, l-investituri tal-UE kienu għadhom lura: is-settur tas-saħħa (14 % fl-UE 14 % meta mqabbla ma' 51 % fl-Istati Uniti, 4 % fil-Ġappun); il-hardware tal-ICT (8 % fl-UE meta mqabbla ma' 55 % fl-Istati Uniti, 15 % fiċ-Ċina); is-software tal-ICT (4 % fl-UE meta

⁶⁷ L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, [“Patents, trade marks and startup finance”](#).

⁶⁸ Sun, Review of the Importance of Technology Company Valuation and Commonly Used Methods, volum 189, p. 30.

⁶⁹ Il-Eurostat, [Nefqa fuq ir-R&Ż](#).

⁷⁰ Nota: il-valuri mill-pari globali huma mill-2021: Il-Bank Dinji, [Research and development expenditure \(% of GDP\) | Data](#).


⁷¹ Il-Kummissjoni Ewropea – id-DĠ RTD, [Science, Research and Innovation Performance of the EU 2024](#), p. 83.

mqabbla ma' 82 % fl-Istati Uniti, 10 % fiċ-Ċina, 4 % fil-Ġappun)⁷². Ir-riżultati tal-innovazzjoni tal-UE tjiebu ftit (8 %) matul dawn l-aħħar 10 snin, iżda għadhom aktar baxxi minn dawk tal-Istati Uniti, ir-Renju Unit u l-Ġappun, biċ-Ċina li qed tlaħħaq malajr b'żieda ta' 28 % fl-istess perjodu⁷³.

Il-kumpaniji u l-universitajiet jiffaċċjaw diffikultajiet fil-varar inizjali u fil-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka tagħhom. Pereżempju, madwar terz biss tal-invenzjonijiet bi privattiva rreġistrati mill-universitajiet Ewropej jiġu sfruttati kummerċjalment⁷⁴. Dan huwa ġeneralment attribwit għal rabtiet ta' kollaborazzjoni dgħajfa bejn in-negozji u l-akkademja, regoli ta' ġestjoni tal-PI inkonsistenti, u karrieri akkademiki iżolati mingħajr biżżejjed inċentivi għall-kummerċjalizzazzjoni u l-intraprenditorija. Min-naħa tan-negozju, il-kumpaniji jiffaċċjaw bosta sfidi meta jfittxu li jikkummerċjalizzaw l-innovazzjoni protetta bil-PI tagħhom, bħal xenarju ta' governanza tal-PI frammentat u nuqqas ta' kapital privat.

L-investment fil-kapital tar-riskju kompli jonqos minn livelli diġà baxxi: minn 0,09 % tal-PDG fl-2022 għal 0,05 % fl-2023 (ara l-KPI 7 u l-Illustrazzjoni 3). Ħafna kumpaniji innovattivi u li qed jikbru malajr jiddependu fuq il-kapital ta' riskju fil-forma ta' investimenti fil-kapital ta' riskju għall-espansjoni tagħhom. Is-suq ta' kapital ta' riskju tal-UE (imkejjejl bħala s-sehem mill-investment fil-kapital ta' riskju tal-PDG) għadu smat li jibqa' 10 darbiet iżgħar minn dak tal-Istati Uniti u 7 darbiet iżgħar minn dak taċ-Ċina. Għalhekk, ħafna kumpaniji Ewropej ferm innovattivi huma ristretti minn aċċess limitat għall-kapital, li spiss iwassalhom biex ifittxu finanzjament barra mill-pajjiż jew saħansitra biex jirrilokaw għal ambjenti ta' finanzjament aktar favorevoli bħall-Istati Uniti. Pereżempju, fl-industrija tal-manifattura avvanzata, mill-2017-2023 kważi 90 % tal-valur tal-kapital ta' riskju mar f'ditti tal-Istati Uniti jew Ċiniżi (47 % u 39 %, rispettivament), filwaqt li 4 % biss tal-kapital ta' riskju miġbur f'dik l-industrija globalment mar għand ditti li jinsabu fl-UE⁷⁵.

Illustrazzjoni 3: Investment fil-kapital ta' riskju bħala sehem mill-PDG fl-2023



Sorsi: Invest Europe; il-Eurostat; l-OECD; Statista

Il-baġit tal-UE għandu firxa ta' programmi li jiffunzjonaw bħala lievi importanti għall-investimenti pubbliċi u privati u għall-isforzi fir-riċerka. Pereżempju, l-InvestEU diġà aċċessa EUR 218-il biljun f'investment għal UE aktar innovattiva u kompetittiva. Orizzont Ewropa qed jipprovdi EUR 93,5 biljun ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni matul il-perjodu 2021-2027 u l-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa teknoloġiji innovattivi b'livell

baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (ara t-Taqsima 3.2). Filwaqt li opportunitajiet ta'

⁷² Il-Kummissjoni Ewropea – id-DĠ RTD & JRC, [The EU Industrial R&D Investment Scoreboard](#).

⁷³ Il-Kummissjoni Ewropea, Tracking country innovation performance: [The Innovation Output Indicator 2023](#).

⁷⁴ L-eks Prim Ministru Draghi, [“The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe”](#), il-Parti B, p. 244.

⁷⁵ [Il-Kummissjoni Ewropea, Strategic Insights into the EU’s Advanced Manufacturing Industry, ir-Rapport \(2024\)](#).

finanzjament imdaqqs huma disponibbli fil-baġit tal-UE, l-infiq tal-UE huwa mifruq fuq wisq programmi, u dan iżid il-kumplessità u r-riġidità li jostakolaw il-qawwa mid-daqs tal-UE, imfittxija billi jinġabru flimkien riżorsi għall-finanzjament ta' proġetti importanti fil-livell tal-UE⁷⁶.

Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) ġiet stabbilita fl-2024 biex tmexxi proġetti, teknoloġiji u setturi ta' prijorità għall-finanzjament tal-UE. Din tagħti spinta lill-investment u żżid l-appoġġ għall-iżvilupp u l-manifattura fl-Ewropa ta' teknoloġiji innovattivi u strateġiċi. Is-STEP tiġbor u tmexxi l-finanzjament fost 11-il programm tal-UE għat-teknoloġiji diġitali u l-innovazzjoni fit-teknoloġija profonda, it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi u l-bijoteknoloġiji. Il-Kummissjoni diġà ppubblikat madwar 30 sejħa tas-STEP għal proposti li jammontaw għal aktar minn EUR 8,5 biljun u l-Istati Membri dderiġew mill-ġdid aktar minn EUR 6 biljun lejn proġetti tas-STEP.

2.2 Diġitalizzazzjoni

KPI	Xi jkejjel	Mira	L-aktar valur reċenti tal-UE
KPI 8: Intensità diġitali fl-SMEs ⁷⁷	Is-sehem ta' kumpaniji tal-UE b'tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali. Dan ifisser li jintużaw mill-inqas 4 minn 12-il teknoloġija diġitali magħżula (bħat-teknoloġija tal-IA; il-bejgħ mill-kummerċ elettroniku li jammonta għal mill-inqas 1 % tal-fatturat totali; eċċ.) kif definit fil-programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali.	90 % sal-2030	57,7 % (2023) 54,8 % (2021)
KPI 9: Adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali mill-kumpaniji	Is-sehem ta' kumpaniji Ewropej li bdew jużaw servizzi tal-cloud, l-analitika tad-data u/jew l-Intelliġenza Artifiċjali. Mira stabbilita fil-programm ta' politika dwar id-Deċennju Diġitali.	75 % sal-2030	Servizzi tal-cloud computing: 38,9 % (2023) 34,0 % (2021) Analitika tad-data: 33,2 % (2023) Big data: 14,2 % (2020) ⁷⁸ Intelliġenza artifiċjali: 8,0 % (2023) 7,6 % (2021)

L-UE għadha lura meta mqabbla mal-kompetituri tagħha fl-oqsma diġitali. Pereżempju, hija tilqa' fiha 263 kumpanija unicorn, meta mqabbla ma' 1 539 fl-Istati Uniti u 387 fiċ-Ċina. L-UE għadha f'pożizzjoni kompetittiva f'oqsma bħall-manifattura avvanzata u t-tagħmir tanetworks mobbli iżda naqset milli żżomm mal-pass ġenerali tal-kompetituri globali kemm fis-segmenti tal-hardware kif ukoll tas-software tas-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technology). Filwaqt li s-sehem tal-UE mis-suq tal-ICT globali naqas bin-nofs matul dan l-aħħar deċennju (għal 10,8 %), is-sehem tal-Istati Uniti żdied b'terz (għal 38 %)⁷⁹. Barra minn hekk, il-bażi ta' għarfien tal-UE għall-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali tinsab fil-biċċa l-kbira barra mill-Unjoni, b'ċitazzjonijiet tal-privattivi barra l-UE li jirrappreżentaw kważi 70 % tal-applikazzjonijiet għal privattivi

⁷⁶ L-eks Prim Ministru Draghi, "The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe".

⁷⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, [Rapporti dwar id-Deċennju Diġitali](#).

⁷⁸ Minħabba bidla fid-definizzjoni, il-parti tal-KPI 16 li tkejjel l-analitika tad-data fl-2023 u l-big data fl-2020 ma hijiex kompletament komparabbli.

⁷⁹ Statista, [ICT global market share worldwide 2023](#).

digitali⁸⁰.

L-intensità diġitali tal-SMEs u l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali mill-kumpaniji għadhom mhux qed jizziedu malajr biżżejjed. Fl-2023, 57,7 % tal-SMEs tal-UE kellhom tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, li jirrappreżenta żieda meta mqabbel ma' sentejn ilu, għalkemm mhux malajr biżżejjed biex jibqgħu fit-triq it-tajba lejn il-mira ta' intensità diġitali bażika ta' 90 % sal-2030 (il-KPI 8). Is-sehem ta' kumpaniji tal-UE b'aktar minn 10 impjegati li adottaw teknoloġiji diġitali ewlenin kiber ukoll, fejn 33,2 % tal-kumpaniji qed jużaw l-analitika tad-data, 38,9 % qed jużaw il-cloud u 8 % implimentaw l-IA fin-negozju tagħhom⁸¹, iżda dawn in-numri wkoll jonqsu milli jsegwu t-trajettorja meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ta' implimentazzjoni ta' 75 % fl-2030 (il-KPI 9).

Il-varar tal-manifattura avvanzata fl-industriji tradizzjonali, bħall-manifattura addittiva u r-robotika, għadha kajmana wisq. Id-densità tar-robots fl-UE hija ta' 22 unità għal kull 1 000 impjegat, li hija inqas minn dik tal-Istati Uniti (29), u ħafna aktar baxxa minn dik tal-Korea t'Isfel (101), taċ-Ċina (47) u tal-Ġappun (42)⁸².

L-avvanzi fit-teknoloġija l-aktar fixkiela u promettenti se jkunu ċċentrati fuq l-intelliġenza artifiċjali (IA), qasam li fih l-Ewropa għadha lura bħalissa. Sa issa, l-UE naqset milli tisfrutta s-setgħa li s-Suq Uniku jista' jgħib miegħu biex tippermetti aċċess fuq skala kbira għal fluss liberu tad-data u għal prospetti ta' espansjoni b'saħħithom, li t-tnejn huma prerekwiżiti għal industrija tat-teknoloġija ta' suċċess. In-negozji qed iniedu investimenti kbar fl-IA, bl-akbar sehem ikun fil-kumpaniji tal-Istati Uniti. Il-valur tas-settur huwa mistenni jikber b'aktar minn 10 darbiet sal-2030⁸³. Biex ittejjeb il-kundizzjonijiet għall-iżvilupp tat-teknoloġija, l-UE qed tespandi l-infrastruttura tagħha għall-computing ta' prestazzjoni għolja li tinsab fuq quddiem fid-dinja biex toħloq "Fabbriki tal-IA" li jservu bħala punti uniċi ta' servizz għall-kumpaniji ħalli jħarrġu u jżviluppaw mudelli tal-IA.

L-użu akbar tat-teknoloġiji diġitali fil-manifattura jista' jżid b'mod sostanzjali l-produttività fl-ekonomija kollha. L-użu tat-teknoloġija huwa importanti daqs l-iżvilupp tagħha u jirrappreżenta mira li tista' tintlaħaq faċilment meta mqabbla mal-isforz aktar diffiċli li nlaħħqu malajr mal-Istati Uniti u maċ-Ċina fl-iżvilupp tal-IA, li diġà qegħdin 'il quddiem ħafna. L-inċentivar tal-introduzzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati fl-industrija, fis-servizzi u fis-settur pubbliku se jkun kruċjali biex tingħata spinta lill-ekonomija inġenerali.

2.3 Hilit u edukazzjoni

KPI	Xi jkejjel	Mira	L-aktar valur reċenti tal-UE
KPI 10: Rata ta' impjeg	Is-sehem ta' persuni fl-età tax-xogħol li huma impjegati.	78 % sal-2030	75,3 % (2023) 74,6 % (2022)
KPI 11: Parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ	Is-sehem tal-popolazzjoni adulta li tipparteċipa fl-edukazzjoni u/jew fit-taħriġ tal-anqas darba f'sena.	60 % sal-2030	39,5 % (2022) 37,4 % (2016)

⁸⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ JRC, [The geography of EU green and digital inventions and their knowledge sources](#), 2023.

⁸¹ Il-Eurostat, [Digitalisation in Europe. l-edizzjoni tal-2024](#).

⁸² International Federation of Robotics, [Global Robot Density in Factories Doubled in Seven Years](#).

⁸³ Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, [AI investment: EU and global indicators](#).

KPI 12: Speċjalisti tal-ICT	L-ispeċjalisti tal-ICT bħala sehem tal-impjegati totali	20 miljun speċjalista tal-ICT, madwar 10 % tal-impjegati totali	9,8 miljuni, 4,8 % tal-impjegati (2023) 9,4 miljuni, 4,6 % tal-impjegati (2022)
KPI 13: Punteġġ PISA	Il-prestazzjoni ta' dawk li għandhom 15-il sena fit-testijiet PISA tal-OECD li jkopru l-matematika, il-qari u x-xjenza. Punteġġi għoljin jindikaw prestazzjoni aqwa.		Matematika: 474 (2022) Matematika: 492 (2018) Qari: 475 (2022) Qari: 488 (2018) Xjenza: 484 (2022) Xjenza: 488 (2018)

Filwaqt li r-rata tal-impjegati tal-UE qed toqrob b'mod kostanti lejn il-mira ta' 78 % fl-2030⁸⁴ (il-KPI 10), l-eżiti edukattivi fl-edukazzjoni sekondarja qed jaqgħu lura. Ir-rata tal-impjegati tal-UE qabżet il-75 % fl-2023, b'żieda minn 72 % fl-2018⁸⁵. Din il-prestazzjoni hija ġeneralment f'konformità ma' dik tal-Istati Uniti, iżda taħt ix-xejriet fil-Ġappun u fir-Renju Unit⁸⁶. Fl-istess ħin, l-Ewropa qed tiffaċċja problema biex tgħammar liż-żgħażaġh bil-ħiliet bażiċi. Il-punteġġi PISA medji li jsegwu l-prestazzjoni ta' dawk li għandhom 15-il sena fil-matematika, il-qari u x-xjenza naqsu fid-dixxiplini kollha, u komplew ix-xejra' l isfel osservata fi s'tħarriġ' preċedenti. L-istudenti tal-UE għandhom prestazzjoni baxxa meta mqabbla mal-pari tagħhom fir-Renju Unit, l-Istati Uniti, il-Ġappun u ċ-Ċina⁸⁷ (il-KPI 13). Il-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fil-forza tax-xogħol tgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet iżda d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegati naqset biss marġinalment f'dawn l-aħħar snin.

Il-karattru li qed jevolvi malajr tas-suq tax-xogħol, flimkien mat-tibdil demografiku, jenfazizza l-ħtieġa li ċ-ċittadini Ewropej jitgħammru b'ħiliet ġodda. Madankollu, aktar minn 70 % tan-negozji jirrapportaw li n-nuqqas tal-ħiliet it-tajba jxekkel l-investimenti tagħhom u kważi erba' minn kull ħames SMEs jirrapportaw diffikultajiet biex isibu l-ħaddiema bil-ħiliet it-tajba⁸⁸. Il-problema qed tikber għax huwa mbassar li l-popolazzjoni Ewropea fl-età tax-xogħol se tonqos b'medja ta' madwar miljun persuna kull sena, mil-lum sal-2050⁸⁹, fin-nuqqas ta' bidliet ta' kumpens. Filwaqt li hemm domanda għolja u dejjem akbar għall-ħiliet fl-ICT, 56 % biss tal-popolazzjoni hija stmata li għandha ħiliet diġitali bażiċi jew aktar minn dawk bażiċi⁹⁰, u dan jindika l-ħtieġa għat-titjib u għat-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Huma 45 % tal-SMEs li jirrapportaw li n-nuqqasijiet ta' ħiliet jostakolaw il-kapaċità tagħhom li jadottaw jew jużaw b'mod effettiv it-teknoloġiji diġitali⁹¹. L-għadd ta' speċjalisti tal-ICT laħaq l-10 miljuni fl-2023, li jirrappreżenta 4,8 % tal-impjegati totali⁹² u qed isir progress lejn l-għan li l-ispeċjalisti tal-ICT jkunu jiformaw 10 % tal-forza tax-xogħol sal-2030 (il-KPI 12). Madankollu, 39,5 % biss tal-popolazzjoni adulta tiegħu sehem fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ (il-KPI 11), u dan jindika l-ħtieġa li jiġi promoss l-apprendiment tul il-ħajja. Il-Fond Soċjali Ewropew jikkontribwixxi għat-tiġdid tal-ħiliet u għat-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol b'baġit ta' EUR 142,7 biljun għall-perjodu 2021-2027. Bi tweġiba għad-diskrepanzi fil-ħiliet f'setturi ta' importanza kritika, bħat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, iċ-ċibersigurtà u l-

⁸⁴ Mira stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

⁸⁵ Il-Eurostat, [Impjegati u attività skont is-sess u l-età – data annwali](#).

⁸⁶ L-OECD, [Ir-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol](#).

⁸⁷ L-OECD, [PISA 2022 Results](#).

⁸⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, [Il-ħiliet u l-impjegati diġitali](#).

⁸⁹ [Employment and social developments in Europe 2023 – L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#).

⁹⁰ Il-Eurostat, [Digitalisation in Europe, l-edizzjoni tal-2024](#).

⁹¹ [Is-sena Ewropea tal-Ħiliet – In-nuqqas ta' ħiliet, l-istrateġiji ta' reklutaġġ u ta' żamma fl-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, Rapport \(Settembru 2023\) | Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#).

⁹² Il-Eurostat, [L-ispeċjalisti tal-ICT impjegati](#).

kostruzzjoni, tnedew akkademi tal-industrija mfasla apposta f'kollaborazzjoni mal-komunità tan-negozju.

TAQSIMA 3 – Dekarbonizzazzjoni tal-industrija u l-investment

3.1 Aċċess għal kapital u investment privat

KPI	Xi jkejjel	L-aktar valur reċenti tal-UE
KPI 14: Investment privat	Investment privat (sehem mill-PDG)	18,5 % (2023) 19,3 % (2022)
KPI 15: Tfaddil privat investit f' bonds, ishma u fondi ta' investment, fost l-oħrajn	Il-volumi tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi f' bonds; u l-fondi ta' investment, assigurazzjoni u pensjoni, relattivi għall-volumi tal-bilanċi tal-flus u tad-depożiti bankarji tal-unitajiet domestiċi. Dan jagħti idea tas-sehem tat-tfaddil li jikkontribwixxi direttament għall-investment fl-ekonomija reali, u b'hekk jiffaċilita l-aċċess tal-kumpaniji għall-finanzjament.	43 % (2023) 42 % (2022)

Hemm ħtiġijiet għall-investimenti enormi biex in-negozji jiksbu kontroll fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dawn jeħtieġu investimenti fil-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni u l-ħżin tal-elettriku, l-eletrifikazzjoni tal-proċessi industrijali, l-effiċjenza enerġetika, il-kapaċità tal-computing, l-awtomatizzazzjoni u ħafna oqsma oħra. B'mod simili, dawn jeħtieġu investment fl-industrija tas-semikondutturi u fl-estrazzjoni, l-ipproċessar, u r-riċiklaġġ ta' ħafna materji primi kritiċi.

B'madwar 19 % tal-PDG, l-investment privat kien ġeneralment stabbli f'dawn l-aħħar snin (il-KPI 14). Il-livelli ġenerali huma kemxejn ogħla minn daww fl-Istati Uniti u ferm ogħla minn daww fir-Renju Unit⁹³. L-analiżi speċifika dwar l-evoluzzjoni tal-kapital ta' riskju u l-KPI relatat ġew ippreżentati fit-Taqsima 2.

Meta mqabbel ma' ekonomiji avvanzati oħra, sehem ferm iżgħar tat-tfaddil privat tal-UE jmur direttament f'investment fil-kumpaniji u f'forom ta' investment aktar riskjużi. L-investment li jiġġenera d-dħul huwa baxx u t-tfaddil privat huwa għoli⁹⁴. Is-sehem tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE li jmur lejn bonds tal-kumpaniji, ishma kkwotati u fondi ta' investment fost l-oħrajn, huwa relattivament baxx, u jikkorrispondi għal 43 % tal-livelli tat-tfaddil f'kontijiet bankarji tradizzjonali (il-KPI 15)⁹⁵. Il-livell korrispondenti fir-Renju Unit huwa ta' 55 % u fl-Istati Uniti 72 % (ara l-Illustrazzjoni 4)⁹⁶. Ir-rati ta' parteċipazzjoni għolja fis-swieq finanzjarji jgħinu lill-kumpaniji jiddiversifikaw il-finanzjament tagħhom. Is-swieq kapitali b'saħħithom huma importanti biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-kumpaniji għall-finanzjament u jagħmlu l-finanzjament aċċessibbli għan-negozji li qed jespandu⁹⁷.

Illustrazzjoni 4: Tfaddil tal-unitajiet domestiċi investit f' bonds, ishma u fondi ta'

⁹³ Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data tal-AMECO.


⁹⁴ Hawnhekk, l-investment li jiġġenera d-dħul huwa ddefinit bħala l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss bit-tnaqqis tal-investment residenzjali.

⁹⁵ Nota: Parti minn dan it-tfaddil se tikkontribwixxi għall-attività ta' investment korporattiv permezz tal-allokkazzjoni tal-portafoll magħmula mill-banek u minn intermedjarji finanzjarji oħra.

⁹⁶ Nota: Is-sett ta' indikaturi tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali jipprovdni indikaturi dettaljati li jgħinu biex jiġu segwiti l-iżviluppi fis-swieq kapitali. [Lista ta' indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġettivi tas-CMU.](#)

⁹⁷ Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), [The scale-up gap.](#)

investiment, fost l-oħrajn.



Nota: Il-volumi tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi f' bonds tal-kumpaniji; u l-fondi ta' investiment, assigurazzjoni u pensjoni, relattivi għall-volumi tal-bilanċi tal-flus u tad-depożiti bankarji tal-unitajiet domestiċi.

Sors: il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ FISMA

ġenerali mhijiex promettenti biżżejjed, u b'hekk titnaqqas il-fiduċja fil-prospetti ta' redditu fuq l-investiment. Mit-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE investit f' bonds tal-kumpaniji, l-ishma kkwotati u l-fondi ta' investiment, sehem sinifikanti, madwar EUR 300 biljun fis-sena, ma jiġix investit fl-UE, iżda barra mill-pajjiż¹⁰⁰, u prinċipalment fl-Istati Uniti. L-investiment dirett barrani tal-UE fl-Istati Uniti ammonta fl-istess ħin għal EUR 3,27 triljuni fl-2023¹⁰¹.

Il-kreditu bankarji ġodda lill-SMEs naqsu mill-pandemija tal-COVID-19 'l hawn, u dan poġġa l-investimenti ġodda f'riskju. Għalkemm huwa mixtieq li jkun hemm sehem oġhla ta' finanzjament lill-kumpaniji mgħoddi permezz ta' bonds korporattivi, ishma kkwotati, kapital ta' riskju u fondi ta' investiment, il-finanzjament bankarju jibqa' kruċjali biex jitrawmu t-tkabbir u l-kompetittività tal-biċċa l-kbira tal-SMEs Ewropej li jużaw il-kreditu bankarji tradizzjonali biex jiffinanzjaw l-investimenti (li jammontaw għal 57 % tal-finanzjament totali tagħhom, ara l-Illustrazzjoni 5). Madankollu, is-self lill-SMEs, li żdied wara l-bidu tal-pandemija tal-COVID minħabba l-iskemi ta' intervent pubbliku massivi, qed jiċkien b'mod sinifikanti, hekk kif l-appoġġ pubbliku qed jonqos. Il-livelli kurrenti tal-finanzjament bankarju ġdid waqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija (l-Illustrazzjoni 6), li jistgħu jiġu parzjalment attribwiti wkoll għaż-żieda fir-rati tal-imgħax li deher sal-2024.

Ammoniti sinifikanti mill-flus ta' min ifaddal fl-UE huma jew marbuta f'kontijiet bankarji jew investiti barra mill-pajjiż. Għalkemm il-volum tat-tfaddil privat fl-UE kien kważi 65 % aktar minn dak fl-Istati Uniti fl-2022, l-unitajiet domestiċi tal-UE għandhom ġid totali konsiderevolment aktar baxx mill-pari tagħhom fl-Istati Uniti⁹⁸, l-aktar minħabba r-redditi aktar baxxi li ġeneralment jirċievu mis-swieq finanzjarji. Filwaqt li l-ġid nett tal-unitajiet domestiċi fl-Istati Uniti kiber b'madwar 150 % matul dawn l-aħħar 15-il sena, it-tkabbir korrispondenti kien biss ta' 55 % fiż-żona tal-euro⁹⁹. Dan huwa dovut l-aktar għal nuqqas ta' kapaċità fis-sistema finanzjarja tal-UE li tistimula investimenti b'rendiment għoli, li jista' jiġi spjegat minn taħlita ta' nuqqas ta' inċentivi fiskali u rekwiżiti ta' rapportar tat-taxxa fixkiela f'ħafna Stati Membri, flimkien ma' perċezzjoni pubblika li l-klima kummerċjali


⁹⁸ L-eks Prim Ministru Draghi, "[The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe](#)", il-parti B, paġna 1.

⁹⁹ Kontijiet ta' Ġid Distribuzzjonali tal-BĊE; data Ekonomika mir-Riżerva Federali tal-Istati Uniti.

¹⁰⁰ L-eks Prim Ministru Letta, "[Much more than a Market](#)", paġna 11.


¹⁰¹ Statista, [l-investiment dirett barrani mill-Ewropa fl-Istati Uniti mill-2000 sal-2023](#).

Illustrazzjoni 5: Tip ta' finanzjament użat fl-2023 mill-SMEs (sehem mit-total)



Sors: The Survey on the Access to Finance of Enterprises (SAFE), Dicembru 2023¹

Illustrazzjoni 6: Self bankarju ġdid lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji



Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew, MFI Interest Rate Statistics²

3.2 Investiment pubbliku u infrastruttura

KPI	Xi jkejjel	L-aktar valur reċenti tal-UE
KPI 16: Investiment pubbliku	Investiment pubbliku (sehem mill-PDG)	3,49 % (2023) 3,24 % (2022)

L-investiment pubbliku ra żieda kajmana matul dawn l-aħħar snin u laħaq it-3,5 % tal-PDG fl-2024, żieda minn 3,1 % tal-PDG fl-2018 (il-KPI 16). Filwaqt li l-livell tal-UE huwa daqs l-infiq pubbliku tal-Istati Uniti li huwa wkoll ta' 3,5 % tal-PDG, ix-xenarju ta' finanzjament fl-UE huwa frammentat u kumpless, bil-biċċa l-kbira tal-finanzjament imwettaq fil-livell nazzjonali. Pereżempju, fil-każ tar-R&Ż, 93 % tal-fondi pubbliċi investiti kull sena jiġu pprovduti permezz ta' programmi nazzjonali¹⁰².

Fil-livell tal-UE, il-fondi għall-politika ta' koeżjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) u strumenti oħra jgħinu biex jiffinanzjaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali¹⁰³. Mill-2021, l-RRF żborża EUR 306 biljun¹⁰⁴, u hija meħtieġa implimentazzjoni bir-reqqa tal-pjanijiet nazzjonali biex jiġi żgurat żborż f'waqt u komprensiv tal-ammonti li jifdal. Il-fondi għall-Politika ta' Koeżjoni żborżaw EUR 249 biljun fil-perjodu 2021–2024. Il-Fond għall-Innovazzjoni se jipprovi madwar EUR 40 biljun f'dan id-deċennju għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, b'mod partikolari fl-industriji intensivi fl-enerġija, il-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-ħżin tal-enerġija.

Minkejja s-sorsi rilevanti ta' finanzjament pubbliku, bħal InvestEU u STEP, għad hemm diskrepanza fil-finanzjament biex jiżiedu l-kapaċitajiet tal-manifattura, billi anqas minn 5 % tal-finanzjament għat-teknoloġija nadifa tal-UE jappoġġa l-manifattura b'emissjonijiet zero netti fl-ogħla livelli ta' tħejjija teknoloġika (8-9)¹⁰⁵.

Il-qafas tal-UE għall-għajnuna mill-Istat ippermetta investiment pubbliku mmirat mill-

¹⁰² L-eks Prim Ministru Draghi, "[The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe](#)", il-Parti B, p. 236.

¹⁰³ B'mod ġenerali, fl-2023, il-baġit tal-UE u n-Next Generation EU ddedikaw 38 % tar-riżorsi tagħhom għal miżuri rilevanti għall-klima, u 19 % tar-riżorsi tagħhom għall-prijoritajiet diġitali tal-UE.


¹⁰⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, [Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza](#).

¹⁰⁵ Il-livelli ta' tħejjija teknoloġika huma kejl tal-maturità ta' teknoloġija, fejn 1 huwa l-anqas matur (riċerka bażika) u 9 huwa l-aktar matur (lest għat-tneġġa/operazzjonijiet).

Istati Membri filwaqt li pprevjena distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u żamm kundizzjonijiet ekwi. Fl-2022, l-Istati Membri nefqu kważi EUR 228 biljun, li jikkorrispondu għal 1,4 % tal-PDG tagħhom, fuq għajna mill-Istat (inkluż miżuri ta' kriżi). It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u tal-Kompetittività ta' din is-sena — ippublikata flimkien ma' dan ir-rapport — tinkludi indikatur ġdid li jqabbel il-konċentrazzjoni tal-għajna mill-Istat mal-konċentrazzjoni tal-PDG fl-UE. Din ssib li l-għajna mill-Istat qed tiġi allokata b' mod anqas uniformi fl-Istati Membri matul dawn l-aħħar 10 snin¹⁰⁶.

Il-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs, Important Projects of Common European Interest) huma għodda kruċjali għall-investimenti pubbliċi u privati kkoordinati fl-UE biex jappoġġaw proġetti ta' innovazzjoni u infrastruttura rivoluzzjonarji f'oqsma ta' teknoloġiji kritiċi. L-IPCEIs huma pass 'il quddiem lejn koordinazzjoni akbar bejn il-pajjiżi fil-politiki industrijali fi ħdan l-UE, evoluzzjoni li jeħtieġ li tmur lil hinn minn dan. Sal-lum, ġew approvati 10 IPCEIs integrati, għal valur ta' aktar minn EUR 37 biljun f'appoġġ pubbliku nazzjonali, li jagħti aċċess għal EUR 66 biljun ta' investimenti privati (ara l-Illustrazzjoni 7). Hemm il-ħtieġa li l-proċess ta' tfassil u ta' rieżami tal-IPCEI jsir aktar sempliċi u aktar rapidu biex il-proġetti strateġiċi jinbnew malajr. Il-Forum Ewropew Konġunt dwar l-IPCEI, imniedi f'Ottubru 2023, jgħin biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet billi jidentifika oqsma strateġiċi għal IPCEIs futuri u jtejjeb it-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom.

Illustrazzjoni 7: Ħarsa ġenerali lejn l-IPCEIs u l-volumi ta' investiment disponibbli (sal-ħarifa tal-2024)



Sors: [L-IPCEIs Approvati - Il-Kummissjoni Ewropea](#)

L-akkwist pubbliku jista' jservi bħala għodda strateġika biex jidderieġi l-investiment pubbliku lejn it-tiswir tal-futur tal-ekonomija Ewropea b'appoġġ għall-oġġettivi, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE, iżda l-implimentazzjoni tiegħu tista' tkun ta' sfida. Id-direttivi dwar l-akkwist pubbliku jiżguraw regoli komuni fis-Suq Uniku kollu u kull sena, aktar minn 250 000 awtorità pubblika fl-UE jonfqu madwar 14 % tal-PDG (EUR 2 000 biljun fl-2022) fuq servizzi, xogħlijiet u provvisti. Filwaqt li r-regoli

¹⁰⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, [it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku](#).

eżistenti jqisu l-kriterji soċjali, ta' sostenibbiltà u ta' reżiljenza, l-adozzjoni tagħhom kienet limitata, anke minħabba l-isfidi ta' implimentazzjoni.

3.3 Enerġija

KPI	Xi jkejjel	Mira	L-aktar valur reċenti tal-UE
KPI 17: Prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi mhux domestiċi	Il-prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi mhux domestiċi (il-faxxa tal-prezzijiet ID tal-UE, il-konsumaturi kummerċjali kbar) b'taxxi u imposti rekuperabbli esklużi.		EUR 0,16 għal kull kWh (2024) EUR 0,20 għal kull kWh (2023)
KPI 18: Elettrifikazzjoni	L-elettriku bħala sehem mill-konsum tal-enerġija totali ¹⁰⁷ .		21,3 % (2022) 20,8 % (2021)
KPI 19: Sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli	Il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli bħala sehem mill-konsum tal-enerġija ġenerali.	45 % fl-2030	24,5 % (2023) 23 % (2022)

Iż-żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija f'dawn l-aħħar snin ħallew impatt fuq l-industriji Ewropej intensivi fl-enerġija, bħall-manifatturi tal-azzar, tas-siment, tal-ħġieġ, tal-karta u tas-sustanzi kimiċi. Il-produzzjoni naqset b'mod qawwi – f'xi segmenti b'aktar minn 10 % meta mqabbla ma' qabel l-2021¹⁰⁸. Pereżempju, fil-manifattura tal-aluminju, il-kostijiet tal-enerġija jammontaw tipikament għal nofs il-kostijiet tal-input totali¹⁰⁹. Il-kostijiet tal-enerġija jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tan-negozji tal-UE li jikkompetu fis-swieq internazzjonali.

Il-prezzijiet tal-elettriku fl-UE naqsu mill-ogħla livelli tagħhom iżda għadhom kważi d-doppju tal-livelli storiċi u ogħla b'mod sinifikanti milli fir-reġjuni kompetituri (ara l-KPI 17). Il-kumpaniji tal-UE jiffaċċjaw prezzijiet tal-elettriku li bħala medja huma 3 darbiet aktar minn dawk fl-Istati Uniti u prezzijiet tal-gass naturali 4-5 darbiet oghla¹¹⁰. Hemm ukoll differenzi sostanzjali fil-prezzijiet fi ħdan l-UE¹¹¹. Iż-żidiet fil-prezzijiet kellhom impatt negattiv dirett fuq il-fiduċja tal-investituri u rriżultaw f'investimenti diretti barranin irtirati u proġetti ta' espansjoni mwaqqfa. Skont 33 % tan-negozji, il-prezzijiet tal-enerġija volatili u għoljin wisq huma l-fatturi ewlenin li jaffettwaw b'mod negattiv l-attraenza tal-UE bħala post tan-negozju¹¹².

¹⁰⁷ L-elettriku bħala sehem mill-konsum tal-enerġija finali gross.

¹⁰⁸ Il-Eurostat, il-Kummissjoni Ewropea – id-DG GROW.


¹⁰⁹ L-Istitut Internazzjonali tal-Aluminju.

¹¹⁰ Il-Eurostat, l-Amministrazzjoni tal-Infurmazzjoni dwar l-Enerġija (EIA, Energy Information Administration) tal-Istati Uniti, id-Dipartiment għas-Sigurtà tal-Enerġija u għall-Emissjonijiet Żero Netti (DESNZ, Department for Energy Security and Net Zero) tar-Renju Unit u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE).

¹¹¹ Ara n-numri nazzjonali dwar il-KPI 17 fl-Anness 1 ta' dan ir-rapport.

¹¹² Ernst & Young, [EY Europe Attractiveness Survey, Ġunju 2024](#).

Illustrazzjoni 8: Prezzijiet tal-elettriku għal kumpaniji fl-UE u f'ekonomiji avvanzati oħra.



Sors: Il-Eurostat, l-Amministrazzjoni tal-Infommazzjoni dwar l-Enerġija (EIA, Energy Information Administration) tal-Istati Uniti, id-Dipartiment għas-Sigurtà tal-Enerġija u għall-Emissjonijiet Żero Netti (DESNZ, Department for Energy Security and Net Zero) tar-Renju Unit u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE)¹¹³.

Il-livelli tal-prezzijiet kurrenti jostakolaw ukoll l-eletrifikazzjoni tal-ekonomija tal-UE.

L-elettriku bħala sehem mit-taħlita tal-enerġija ilu stabbli għal madwar 20 % mill-2000, u għadu ma ħax spinta 'l quddiem fuq skala kbira (il-KPI 18)¹¹⁴. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment minn differenza żgħira b' mod persistenti fil-prezz bejn il-gass u l-elettriku, li mhux qed tipprovi biżżejjed inċentivi ekonomiċi biex wieħed jaqleb għall-elettriku, minkejja l-effiċjenza enerġetika ogħla tas-sistemi elettriċi. Dan skoraġġixxa t-tranżizzjoni mill-industrija u mill-unitajiet domestiċi. Madankollu, huwa mistenni li s-sehem tal-elettriku jiżdied suċċessivament minħabba regoli dwar l-emissjonijiet dejjem aktar stretti, ipprezzar ogħla tal-karbonju¹¹⁵, u regoli riveduti dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija¹¹⁶, li se jixprunaw l-eletrifikazzjoni tal-industrija, jinċentivaw l-użu tal-pompi tas-sħana għat-tisħin u jħaffu l-użu tal-vetturi elettriċi.

L-ekonomija tal-UE għadha tiddependi b' mod estensiv fuq il-fjuwils fossili, li jammontaw għal madwar żewġ terzi tat-taħlita tal-enerġija. Is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli qed jiżdied u jammonta għal 24,5 % (il-KPI 19) u l-enerġija nukleari tipprovi 12 % tat-taħlita tal-enerġija tal-UE¹¹⁷. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 turi li dawn is-sorsi ta' enerġija nadifa jistgħu jissodisfaw 75 % tal-ħtiġijiet tal-enerġija fl-UE sal-2040¹¹⁸. Id-dipendenza kurrenti fuq il-fjuwils fossili importati tesponi lill-industrija għal riskji ta' interruzzjoni tal-

¹¹³ Faxxa IC tal-UE = konsumaturi industrijali ta' daqs medju b' konsum annwali ta' bejn 500 MWh u 2 000 MWh. Faxxa ID tal-UE = konsumaturi industrijali ta' daqs kbir b' konsum annwali ta' bejn 2 000 MWh u 20 000 MWh.

¹¹⁴ [L-iskedi tad-data statistiċi dwar l-enerġija għall-pajjiżi tal-UE.](#)

¹¹⁵ Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.

¹¹⁶ Id-Direttiva riveduta tal-UE dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija li qed tiġi nnegozjata bħalissa.

¹¹⁷ Il-Eurostat, [Statistika dwar l-enerġija.](#)

¹¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040.](#)

provvista u ta' volatilità tal-prezzijiet, filwaqt li dipendenza futura aktar b'saħħitha fuq sorsi ta' enerġija dekarbonizzati tista' żżid l-affordabbiltà u tillimita l-vulnerabbiltà tal-industrija.

L-Ewropa għandha rekord b'saħħtu fit-teknoloġija nadifa u l-innovazzjoni fl-enerġija¹¹⁹, iżda għadha ma tipprovdi b'żżejjed kundizzjonijiet qafas biex jinġiebu fis-suq prodotti innovattivi u biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jespandu, li min-naħa tiegħu jista' jgħin biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tingħata spinta lill-provvista tal-elettriku. Is-suq globali għat-teknoloġiji nodfa ewlenin manifatturati bil-massa huwa mistenni jittripppla għal valur annwali ta' madwar EUR 1,9 triljun¹²⁰ sal-2035, u dan joffri baħar ta' opportunitajiet li l-kumpaniji tal-UE jkunu jisgħu jisfruttaw. L-implimentazzjoni rapida tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA, Net-Zero Industry Act) se tgħin lill-UE tibni kapaċità tal-manifattura domestika b'saħħitha għal dawk it-teknoloġiji, li huwa kruċjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-soċjetà għal enerġija orħos u aktar nadifa.

3.4 Ekonomija Ċirkolari

KPI	Xi jkejjel	Mira	L-aktar valur reċenti tal-UE
KPI 20: Rata tal-użu ta' materjal ċirkolari	Materjal irkuprat u li mar lura fl-ekonomija, bħala sehem mill-użu ġenerali ta' materjal.	23.4 % sal-2030	11,8 % (2023) 11,5 % (2022)

L-Ewropa qed tавvanza bil-mod lejn ekonomija aktar ċirkolari¹²¹. Mill-2000, iċ-ċirkolarità tal-ekonomija tal-UE, imkejla bħala r-rata tal-użu ta' materjal ċirkolari, żdiedet minn 8,2 % għal 11,8 % fl-2023¹²² (il-KPI 20), li tinvolvi konsum aktar baxx ta' materjali primarji, anqas skart u tnaqqis fid-dipendenza barranija. Il-konsum tal-materja prima tal-UE, li jkejjel l-estrazzjoni tal-materja prima għall-konsum tal-UE, ammonta għal 14,8 tunnellata *per capita* fl-2022¹²³.

Diversi fatturi qed jimpedixxu t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Ir-restrizzjonijiet ekonomiċi jistgħu jiskoraġġixxu l-adozzjoni ta' mudelli ta' negozju ċirkolari peress li spiss jinvolvu kostijiet bil-quddiem ogħla u minħabba li l-materja prima sekondarja tipikament tkun aktar għalja mill-materjali verġni. Flimkien mar-riskji fl-innovazzjoni u l-inċertezza dwar ir-redditi fuq l-investment, kif ukoll id-diffikultà li ssir espansjoni u li s-soluzzjonijiet jiġu rreplikati f'suq frammentat, l-argument għall-vijabbiltà taċ-ċirkolarità mhuwiex wieħed ovvju. Pereżempju, id-diverġenzi bejn l-oqfsa regolatorji fl-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari dwar il-kriterji tat-tmiem tal-istatus ta' skart, jagħmluha diffiċli biex l-iskart jiġi mċaqlaq liberament fis-Suq Uniku. Dan jipprevjeni l-iżvilupp ta' ktajjen ta' provvista mtejba u jiskoraġġixxi l-espansjoni ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ innovattivi. Il-grad ta' rkupru tal-iskart industrijali jew tal-prodotti inċidentali (simbjożi industrijali) ivarja fost l-Istati Membri u bejn l-industriji, b'rimi rħis f'landfills u nuqqas ta' predittività tal-provvista tal-skart/tal-prodotti inċidentali li jirrappreżentaw ostakli għall-mudelli ċirkolari. Hemm ukoll aktar lok biex tittejjeb il-possibbiltà ta' tiswija tal-oġġetti sabiex tittawwal il-ħajja tagħhom u jiġi llimitat il-konsum tar-riżorsi u tal-enerġija assoċjat mal-produzzjoni ta' oġġetti ġodda. Barra minn hekk,

¹¹⁹ Il-Kummissjoni Ewropea – id-DG RTD, l-istatistika dwar il-privattivi turi li l-kumpaniji tal-UE jiġġeneraw 29 % tal-privattivi fl-enerġija nadifa u 24 % tal-privattivi fl-effiċjenza enerġetika.

¹²⁰ L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, [Energy Technology Perspectives](#) (2024). Ir-rapport semma USD 2 triljun, li ġew ikkonvertiti fi tmiem l-2024.

¹²¹ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, [Rapport speċjali: Ekonomija ċirkolari – It-tranżizzjoni min-naħa tal-Istati Membri miexja bil-mod minkejja l-azzjoni tal-UE](#).

¹²² Il-Eurostat, [Il-flussi tal-materjali u l-produttività tar-riżorsi](#).

¹²³ L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, [L-Impronta Materjali tal-Ewropa](#).

hemm potenzjal kbir mhux sfruttat fl-espansjoni tal-użu ta' materjali b'bażi bijoloġika, b'mod partikolari il-materjal tal-bini u l-oġġetti ta' konsum ibbażati fuq l-injam, minn foresti Ewropej endoġeni. Dan jillimita l-użu tar-riżorsi finiti u jippermetti li aktar bini u oġġetti jservu bħala bjar tal-karbonju.

L-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA, Critical Raw Materials Act) u r-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Products Regulation) itejbu l-kundizzjonijiet għal mudelli ta' negozju ċirkolari. Is-CRMA jirrikjedi li r-riċiklaġġ tal-UE jkopri 25 % tal-konsum annwali tal-UE tal-materja prima strateġika sal-2030 u jissimplifika l-investimenti fil-faċilitajiet ta' riċiklaġġ. Fil-livell tal-prodotti, l-ESPR se jfassal kriterji għaċ-ċirkolarità apposta u speċifiċi għal kategoriji ta' prodotti speċifiċi. Dan se jgħin biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-suq li tirriżulta minn regoli nazzjonali diverġenti dwar is-sostenibbiltà tal-prodotti. Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima tappoġġa¹²⁴ t-fassil ta' politika infurmata sew u d-deċizzjonijiet kummerċjali, b'data dwar iċ-ċiklu tal-ħajja dwar materjali ewlenin.

TAQSIMA 4 – Żieda fis-sigurtà u tnaqqis tad-dipendenzi

4.1 Dipendenzi kummerċjali u strateġiċi

KPI	Xi jkejjel	L-aktar valur reċenti tal-UE
KPI 21: Kummerċ mal-bqija tad-dinja bħala sehem mill-PDG	Il-grad ta' integrazzjoni ekonomika tal-UE mal-bqija tad-dinja.	14,8 % għall-oġġetti (2023) 17,4 % għall-oġġetti (2022) 7,4 % għas-servizzi (2023) 7,8 % għas-servizzi (2022)
KPI 22: L-esportazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi bħala sehem ta' importazzjonijiet minn madwar id-dinja	Il-piż globali u s-sehem mis-suq tal-ekonomija tal-UE.	20,4 % għall-oġġetti (2023) 16,1 % għall-oġġetti (2022) 31,9 % għas-servizzi (2023) 33,5 % għas-servizzi (2022)

Il-kummerċ internazzjonali huwa kruċjali għall-prosperità tal-UE. Dan jagħti lill-kumpaniji l-opportunità li jespandu n-negozju tagħhom fl-istadju globali, filwaqt li joħloq l-impjiegi u d-dħul, irawwem l-effiċjenza u jippromwovi l-innovazzjoni. Dan jikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà ekonomika Ewropea billi jiżgura u jiddiversifika l-ktajjen tal-provvista, anke biex jiġu importati inputs kritiċi għall-kumpaniji Ewropej. L-aċċess miftuħ għall-ekonomija tal-UE u l-importanza ekonomika tal-kummerċ mal-bqija tad-dinja rdoppjaw matul dawn l-aħħar 30 sena, bil-kummerċ tal-oġġetti barra l-UE li kiber minn 8 % tal-PDG fl-1995 għal 14,8 % fl-2023 u l-kummerċ tas-servizzi barra l-UE li kiber minn 3 % tal-PDG fl-1995 għal 7,4 % fl-2023 (il-KPI 21)¹²⁵. Meta mqabbel mal-2022, il-kummerċ bħala sehem mill-PDG naqas, b'mod partikolari għall-oġġetti. L-istess bħax-xejriet għall-kummerċ intra-UE deskritti fit-Taqsima 1.1., il-kummerċ barra l-UE għadu oġġetiv mil-livelli tal-2021 u ta' qabel il-pandemija, parti importanti miż-żieda fl-2022 hija marbuta mal-effetti tal-prezzijiet (tal-enerġija). Dan huwa muri fl-Illustrazzjoni 9.


L-UE tislet is-saħħa ekonomika u politika mill-pożizzjoni tagħha bħala setgħa kummerċjali globali — fejn tinsab l-ewwel fid-dinja għall-esportazzjonijiet tas-servizzi,

¹²⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, [Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima](#).


¹²⁵ Il-Eurostat, Il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti ([ext ġo](#)); Il-kummerċ internazzjonali tas-servizzi ([ext ser](#)).

u fit-tieni pozzizzjoni fid-dinja għall-esportazzjonijiet tal-oġġetti. Maż-żmien, l-UE kienet b'mod konsistenti l-ekonomija bl-akbar volum ta' esportazzjonijiet ta' servizzi, u kibret b'mod kostanti għall-ogħla livell ta' 36 % tal-importazzjonijiet tas-servizzi tal-bqija tad-dinja fl-2021, u niżlet għal ftit anqas minn 32 % fl-2023. L-esportazzjonijiet tal-oġġetti bħala sehem mill-importazzjonijiet tal-bqija tad-dinja raw xejra inversa matul dan l-aħħar deċennju bi tnaqqis bil-mod fin-numri tal-UE minbarra qabża 'l fuq minn 16 % fl-2022 għal 20 % fl-2023 (ara l-Illustrazzjoni 10, il-KPI 22)¹²⁶.

Illustrazzjoni 9: Kummerċ tal-UE mal-bqija tad-dinja bħala sehem mill-PDG tal-UE.



Illustrazzjoni 10: L-esportazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi bħala sehem mill-importazzjonijiet tal-bqija tad-dinja.



Sorsi: L-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp Industrijali tan-NU, il-bażi tad-data għall-Prestazzjoni Industrijali Kompetittiva; il-bażijiet tad-data tal-Bank Dinji; il-Eurostat; l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea.

Dawn ix-xejriet qed jitfaċċaw bħala parti minn bidliet usa' fix-xenarju kummerċjali globali. Filwaqt li ma hemm l-ebda evidenza ta' deglobalizzazzjoni strutturali, l-importanza tal-kummerċ globali meta mqabbel mal-PDG baqgħet ġeneralment baxxa mill-2013. Dan ġie attribwit parzjalment għal diversi xokkijiet bħall-pandemija tal-COVID-19 u tensjonijiet kummerċjali bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina. Matul dawn l-aħħar snin, l-atturi ekonomiċi madwar id-dinja stabbilew politiki biex itejbu s-sigurtà u r-reżiljenza ekonomika tagħhom (ara l-Anness 2 dwar il-miżuri ta' reżiljenza tal-atturi globali magħżulin), li wasslu għal rikonfigurazzjoni globali tal-ktajjen tal-provvista. Il-ktajjen tal-provvista tal-UE huma networks dinamiċi b'kapaċità sinifikanti ta' adattament għal dan ix-xenarju globali ġdid. Analiżi reċenti tissuġġerixxi li hemm evidenza ta' riallokazzjoni kontinwa ta' importazzjonijiet tal-UE lil hinn minn sħab li mhumiex fil-ftehim¹²⁷ lejn l-UE ("rilokalizzazzjoni"), sħab ġirien fil-ftehim ("delokalizzazzjoni f'pajjiż qrib") u sħab li mhumiex ġirien fil-ftehim ("il-lokalizzazzjoni bejn

¹²⁶ L-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp Industrijali tan-NU, il-bażi tad-data għall-Prestazzjoni Industrijali Kompetittiva; il-bażijiet tad-data tal-Bank Dinji; il-Eurostat; l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea.

¹²⁷ Is-"sħab fil-ftehim" jinkludu pajjiżi terzi li magħhom l-UE tikkondividi ftehimiet kummerċjali (kemm jekk fis-seħħ kif ukoll jekk applikati b'mod proviżorju), sħubijiet dwar il-materja prima, jew li huma firmatarji tad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Kooperazzjoni dwar il-Ktajjen tal-Provvista Globali tal-2022. Il-pajjiżi terzi li jifdal jitqiesu bħala "sħab li mhumiex fil-ftehim" (inkluż eż. ir-Russja u ċ-Ċina).

is-sħab”), b’intensitajiet varji¹²⁸. Dan wassal b’mod ġenerali għal diversifikazzjoni oġġla fl-importazzjonijiet tal-UE.

Il-ftehimiet kummerċjali u s-sħubijiet strateġiċi jrawmu l-aċċess għas-swieq barra u jiġġeneraw opportunitajiet ġodda ta’ investiment. Dan huwa kruċjali fid-dawl kemm tal-limitazzjonijiet fil-produzzjoni domestika ta’ ċerti oġġetti, kif ukoll tal-potenzjal għall-kumpaniji tal-UE biex ikunu innovattivi barra minn pajjiżhom. Il-Kummissjoni neħħiet 140 ostaklu għall-esportazzjonijiet tal-UE f’aktar minn 40 pajjiż matul dawn l-aħħar ħames snin, u b’hekk tat aċċess għal EUR 6,2 biljun addizzjonali ta’ esportazzjonijiet tal-UE fl-2023 biss¹²⁹.

Fl-istess ħin, hemm riskji sinifikanti li jirriżultaw minn tensjonijiet ġeopolitiċi akbar, prattiki kummerċjali iġusti u dipendenzi strateġiċi, li għalihom hija esposta ekonomija miftuħa bħal dik tal-UE. L-evidenza ta’ żieda fl-esportazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet kompetittivi ħafna, f’ħafna każijiet iffaċilitati minn sussidji mill-Istat, tista’ tikkawża ħsara serja lil segmenti tal-manifattura tal-UE. Huwa għalhekk li l-UE adottat tariffi għall-vetturi elettriċi miċ-Ċina¹³⁰. Barra minn hekk, l-UE stabbiliet Regolament ġdid dwar is-Sussidji Barranin u saħħet il-qafas għall-iskrinjar tal-IDB f’oqsma strateġiċi. L-Anness 2 jipprovdi għarfien dwar il-miżuri ta’ reżiljenza tal-atturi globali magħżulin¹³¹.

L-analiżi tal-vulnerabbiltà esterna tal-ekonomija tal-UE tiżvela li l-UE hija aktar esposta għall-vulnerabbiltajiet tal-kummerċ estern miċ-Ċina, iżda anqas esposta mill-Istati Uniti. Għall-prodotti industrijali kollha, l-indiċi tal-vulnerabbiltajiet esterni¹³² (EXVI, external vulnerability index) ipoġġi lill-UE f’0,22, liċ-Ċina f’0,13 u lill-Istati Uniti f’0,28. Fil-ktajjen tal-provvista strateġiċi bħal tas-semikondutturi, tat-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti u tal-materja prima kritika, l-UE qed tiffaċċja l-akbar vulnerabbiltà fil-materja prima (0,28), meta mqabbla mas-semikondutturi (0,22) u t-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti (0,18). Meta mqabbla mas-sħab kummerċjali ewlenin tagħha, l-UE tidher aktar vulnerabbli għal fatturi esterni fit-tliet ktajjen tal-provvista speċifiċi kollha meta mqabbla maċ-Ċina. Madankollu, meta mqabbla mal-Istati Uniti, l-UE hija aktar vulnerabbli fil-katina tal-provvista tas-semikondutturi biss. Matul dan l-aħħar deċennju, l-UE rat tnaqqis żgħir fil-vulnerabbiltà tal-materja prima kritika, filwaqt li l-vulnerabbiltajiet fil-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi u tat-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti baqgħu relattivament stabbli, kif spjegat fl-Anness 1, il-Parti II.

Id-ditti tal-UE rrapportaw diffikultajiet fl-aċċess għal ċerti komoditajiet b’aċċess għal materja prima bħall-azzar, ir-ram, il-fjuwils fossili, il-litju, eċċ. li qed jiġi rrapportat bħala ostaklu ewlieni minn 37 % tal-kumpaniji¹³³. Ostakli ewlenin oħra jinkludu l-aċċess għas-semikondutturi u l-mikroċipep (23 %), u għal komponenti, prodotti u tagħmir semilesti oħra

¹²⁸ R. Arjona, W. Connell, C. Herghelegiu (2024): [“Supply Chain Tectonics: Empirics on how the EU is plotting its path through global trade fragmentation”](#), il-Kummissjoni Ewropea, id-Dokumenti dwar l-Ekonomija tas-Suq Uniku 28.

¹²⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, [L-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Politika tal-Kummerċ tal-UE](#).

¹³⁰ It-tariffi tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta’ vetturi elettriċi bil-batterija miċ-Ċina.

¹³¹ Dan l-anness jipprovdi kuntest globali fl-oqsma tal-kummerċ u l-ktajjen tal-provvista, li jiddeskrivi l-miżuri ta’ reżiljenza meħuda mill-Istati Uniti, ir-Renju Unit, iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Indja, il-Kanada, l-Awstralja, il-Korea t’Isfel, Singapore u t-Tajwan.

¹³² Analiżi mwettqa permezz tal-Indiċi l-ġdid tal-Vulnerabbiltajiet Esterni (EXVI, External Vulnerability Index) tal-Kummissjoni Ewropea, indikatur kompost imfassal biex jivvaluta l-vulnerabbiltà esterna fost il-prodotti, is-setturi, il-ktajjen tal-provvista, u l-ekonomija ġenerali. Dan jikkwantifika l-vulnerabbiltà tal-ekonomija għal xokkijiet esterni b’punteġġi li jvarjaw minn 0 (vulnerabbiltà baxxa) sa 1 (vulnerabbiltà għolja). L-indiċi huwa msejjes fuq żewġ pilastri: l-ewwel wieħed jiffoka fuq ir-riskji minn dipendenzi barranin, u jeżamina l-konċentrazzjoni tal-flussi kummerċjali u d-dipendenza fuq is-swieq barranin, filwaqt li t-tieni wieħed jindirizza r-riskji minn pożizzjoni dgħajfa fis-suq globali, u jevalwa l-punti b’saħħithom u l-punti dgħajfin kompetittivi permezz ta’ differenzi fil-prezzijiet u vantaġġi komparattivi relattivi.

¹³³ Il-Bank Ewropew tal-Investment, [Sħarriġ tal-Investment tal-BEI](#).

(27 %) ¹³⁴. Biex jiżdied l-aċċess għall-materja prima kritika, l-UE ffirmat 14-il sħubija dwar il-materja prima, filwaqt li oħrajn qed jitħejjew ¹³⁵. Bil-Global Gateway ¹³⁶, l-UE tkompli ssaħħa ir-rabtiet kummerċjali maċ-ċentri tat-tkabbir u tiżgura l-ktajjen tal-provvista f'oqsma kritiċi.

Konklużjoni

Dan ir-rapport juri l-punti b'saħħhom u l-punti dgħajfin tal-ekonomija tal-UE u tal-kompetittività tagħha. Dan juri li l-progress tal-integrazzjoni fis-Suq Uniku qed ikompli iżda naqas. Filwaqt li d-defiċit tal-konformità tjiieb, għad hemm wisq frammentazzjoni għall-oġġetti u s-servizzi, u l-piż amministrattiv huwa kbir wisq. L-Ewropa qiegħda f'riskju li taqa' lura fil-qasam tal-innovazzjoni. L-infiq privat u pubbliku fuq ir-R&Ż għadu taħt il-livell tal-pari. In-negozji qed isibuha bi tqila biex jespandu, ir-rwol tal-kapital ta' riskju għadu ferm iżgħar minn dak fl-ekonomiji kompetituri. Ir-rati tal-impjegi qed jiżdiedu, iżda għad hemm nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Id-diġitalizzazzjoni miexja 'l quddiem, kif turi l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali, iżda għad mhijiex miexja b'pass suffiċjenti. B'mod simili d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u tas-sistemi tal-enerġija kif ukoll l-avvanzi fiċ-ċirkolarità, iżda dawn għandhom iħaffu aktar. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija huma ta' piż fuq il-kompetittività tal-Ewropa. L-investimenti pubbliċi u privati mhux dejjem qed isibu posthom fit-teknoloġiji u s-setturi l-aktar promettenti. L-Ewropa tibbenefika mill-fatt li hija ekonomija miftuħa ħafna, iżda d-dipendenzi strateġiċi jistħoqqilhom monitoraġġ bir-reqqa.

Hemm potenzjal biex tissaħħa il-kompetittività fit-tul tal-Ewropa u biex jiġu sfruttati bis-siħ is-saħħa u l-potenzjal tas-Suq Uniku tal-UE, billi jiġu indirizzati b'mod deċiżiv l-isfidi u l-ostakli deskritti. Iridu jiġu indirizzati d-diffikultajiet li l-kumpaniji jiffaċċjaw biex jespandu, ikunu innovattivi, u jżidu l-produttività. Peress li ħafna mill-ixprunaturi tal-kompetittività huma interkonnessi mill-qrib, it-trawwim tal-kompetittività u tal-prosperità tal-Ewropa se jkun jeħtieġ approċċ koerenti u strateġiku, speċjalment fil-kuntest ġeopolitiku ta' sfida.

Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività se jikkaratterizza lid-diskussjoni politika dwar il-kompetittività u l-prosperità, u se jikkontribwixxi għall-passi li jmiss għal azzjoni politika. Dan ir-rapport jipprovdi dijanjostika komuni u jindika l-prijoritajiet ta' politika għall-politiki industrijali, b'mod partikolari għall-Patt għal Industrija Nadif li jmiss, u għas-Suq Uniku, b'mod partikolari għall-Istrateġija għas-Suq Uniku li jmiss. Flimkien ma' dawn, il-Boxxla għall-Kompetittività tiddekrivi l-qafas tal-azzjoni politika li jmiss biex jissaħħu l-kompetittività u t-tkabbir Ewropej. Barra minn hekk, dan ir-rapport se jkkaratterizza d-diskussjonijiet fil-Kunsill Ewropew, fil-Kunsill Kompetittività u fil-Parlament Ewropew, kif ukoll mal-Istati Membri. B'mod simili, jista' jservi bħala bażi għal kollaborazzjoni u djalogu mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż in-negozji. Ir-rapport se jkkontribwixxi għad-diskussjonijiet fis-Semestru Ewropew u għall-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività, kif ukoll għall-Fond għall-Kompetittività u għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Fil-qosor, dan ir-rapport jippermetti monitoraġġ mill-qrib tal-kompetittività tal-Ewropa, b'tali mod li l-atturi Ewropej differenti jkunu jistgħu jsegwu l-progress u jidentifikaw il-prijoritajiet ta' politika fuq bażi annwali.

¹³⁴ Il-Bank Ewropew tal-Investiment, <https://www.eib.org/en/publications/20240179-navigating-supply-chain-disruptions>.

¹³⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, [Id-diplomazija dwar il-materja primarja](#).

¹³⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, [Global Gateway](#).

